## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Il-Pulizja**

**vs**

**James Grech**

**Appell Nru: 210/2016**

**Illum, 17 t'Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **James Grech** detenur tal-karta tal-identità Maltija **579482M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Ikkometta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Omissis ta' 8 snin;

2. B'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' u ċioe lil Omissis ta' 8 snin;

3. Arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna, u ċioe' lil Omissis , kontra' l-volonta' tagħha, u dan sar bħala mezz biex persuna, u ċioe' Omissis tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imesmmija Omissis  u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa applikat l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta u għamlet ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2022, fejn wara li rat l-Artikoli 198, 201(a), 202(g), 203(1)(a)(b), 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali sabet lill-James Grech hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu hdax (11)-il sena prigunerija, filwaqt li lliberatu mit-tielet akkuza. Illi di piu' u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali ordnat il-hrug t' Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin favur il-vittma Omissis. In oltre, u a bażi tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-appellant ġie ikkundannat iħallas l-ispejjeż peritali u li jammontaw ghal hames mitt euro (€500). L-Ewwel Qorti ordnat divjet tal-publikazzjoni tal-isem ta' Omissis  u l-familjari taghha kif ukoll tal-minuri l-ohra li xehedu f'dawn il-proceduri. Finalment, l-Ewwel Qorti wara li rat l-Artikolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-appellant jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur. Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-appellant ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant James Grech, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontrih;
- Thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok tilliberah minnhom jew;
- B'mod sussidjarju u strettament minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, li tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u gusta.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. **Dwar l-Apprezzament tal-Provi**

A.1. **Ġenerali**

Ma hemmx dubbju li t-teżi tal-Prosekuzzjoni fil-każ odjern iċċirkonda, primarjament, jekk mhux unikament, fuq il-verżjonijiet tal-*parte-civile* Omissis

Minn eżami tal-atti filfatt jemerġi illi kollox jinħall u jintrabat mal-verżjoni tal-*parte-civile* u dik tal-appellant, l-uniċi protagonisti ta' din il-viċenda kriminali. Dan għaliex meta seħħew l-allegati atti impudiċi l-appellant u l-allegata vittma kienu jkunu weħidhom ġol-vann u għaldaqstant, provi oħra korrobatorji, anke billi l-każ reġa' ġie f'idejn il-Pulizija disa' (9) snin wara l-allegat akkadut, huma limitatissimi.

Dawn iż-żewġ verzjonijiet jippreżentaw żewġ stampi opposti ta' xulxin. F'dan ix-xenarju probatorju għalhekk jassumi aktar rilevanza dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jfassal uħud mill-kriterji li għandu jsewgi l-ġudikant meta jasal għad-deliberazzjoni tiegħu dwar il-fatti tal-każ imqiegħda quddiemu: -

> *"... id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Daniel Gatt</u>**' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] nhar id-19 ta' Dicembru 2019, fejn ġie mgħallem illi:

> *"Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jghid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu."*

Ikun f'loku li ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malra v. Omissis</u>**', mogħtija nhar il-11 ta' Jannar 2019, fejn ingħad hekk:

> *"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn il-provi probatorji jkunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan levent kriminuz u cioe' l-verzjoni tal-minuri u dik talpersuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre linkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*
>
> *Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-*

[1] per Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja.

*xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din ilQorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi wkoll, l-artikolu 638 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk ilp-rovi jkunu jikkonsistu prinċiparjament fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, **<u>jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut</u>**, u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

A.2. **L-Attendibbilita' tal-*parte civile* Omissis**

Fl-umli fehma tal-appellant, dawn il-proċeduri huma karaterizzati minn konflitt fil-provi tant serju li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx b'mod raġjonevolment tasal għal konvinċiment morali li temmen lill-*parte civile* Omissis u mhux lill-appellant;

Illi kif sostniet l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata f'dan il-każ hemm konflitt bejn dak li rrakkontat l-allegat vittma Omissis u dak li sostna l-appellant[2]. Omissis tirrakonta storja straordinarja ta' abbuż u stupru fuq medda ta' tmient (8) jiem u l-appellant, minn naħa tiegħu jiċħad dawn il-fatti bl-aktar mod kategoriku. L-Ewwel Onorabbli Qorti, meta rat dan il-konflitt pero emmnet il-verżjoni ta' Omissis [3] u mhux iċ-ċaħda ta' dawn il-fatti minn l-appellant;

Illi fl-umli ġenwina tal-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx, fl-isfond tal-konflitti emanenti mill-atti, temmen il-verżjoni ta' Omissis u dana sempliċiment għaliex it-testimonjanza ta' Omissis ma kellhiex mis-sewwa u huwa ben ċar li hija

[2] Paġna 20 tas-sentenza appellata.
[3] Paġna 22 tas-sentenza appellata.

ffabrikat storja għar-ragunijiet personali tagħha u sabiex teħles mill-problema medika u psikoloġika li hija kellha.

A.2.1. **Il-Konklużjonijiet tal-Ispettur Raymond Aquilina lura fis-sena 2006.**

Jiġi rimarkat, preliminarjament, li l-minuri kienet diġa allegat il-falz fuq l-appellant lura fis-sena 2006.

Dak iż-żmien, il-Pulizija kienet investigat il-każ *de quo* u rriżulta li t-tifla kienet prattikament qed tigdeb u tesaġera fil-fatti minnha reklamati; Prova ta' dan hija investigazzjoni sħiħa kondotta fis-sena 2006 liema investigazzjoni hija sintesizzata fid-deposizzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta tal-Ispettur Raymond Aqulina ta' nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju 2006.

Illi meta irrediġa r-rapport tiegħu, l-Ispettur Raymond Aquilina kien innota li l-ġenituri kienu rraportaw lix-xufier, *ossia* lill-appellant għax il-minuri kienet dak iż-żmien allegat li waqt li hija u l-appellant kienu qed ikunu jistennew it-tfal l-oħra jirkbu fil-van, l-appellant kien missha fuq il-parti ta' fuq ta' ġisimha.

Skond il-minuri dan l-abbuż kien issir fil-presenza ta' ċertu Nicole, Daria, Claire, Stephanie u Marilyn. L-Ispettur jgħid li f'okkażjoni minnhom kien missilha ukoll żaqqa u hi kienet tagħtu daqqa ta' minkeb. Kienet assiguratu li l-appellant qatt ma kien missha f'postijiet oħra.[4] Illi l-minuri anzi qaltlu li sabiex tevita, hija bdiet tistenna lill-ħabiba tagħha Rachel għalkemm hija kienet tinżel l-aħħar, l-appellant qatt ma għamel xi forma ta' avvanz fuqha għaliex huwa kien ikun isuq.

Illi l-Ispetter Aquilina ma waqafx hemm dak iż-żmien. Kien kellem ukoll lil Sister Marisa Vella li spjegatlu li  qatt ma kellha l-ebda tip ta' 'complaint' fuq ix-xufier la minn studenti u lanqas minn ġenituri.

[4] Ara it-tieni paġna tar-rapport esebit a fol 20.

Anzi meta kellmet li Head-Master, Sister Johanna Gatt, qalet li anzi **kellha rapporti tajbin u posittivi mingħand il-ġenituri fuq l-appellant**.

Il-minuri kienu kellmuha il-Pulizija fil-presenza tas-*social worker* Remelda Grech u l-minuri kienet spjegat li l-appellant allegatament kien missha bil-pala ta jdejh miftuħa fuq il-parti ta' fuq ta' ġismiha.

L-Ispettur kien arresta lill-appellant u kien ħadlu stqarrija nhar it-3 ta' Ġunju 2006. Dak iż-żmien l-appellant kien qal li hu kien miss lill-minuri għar-raġun li meta' kien ikellimha u jiġbdilha l-attenzjoni kienet iddawwar wiċċha n-naħa l-oħra u allura kien missa taħt idejha b'subgħajh.

L-Ispettur Aquilina kien, lura fl-2006, wettaq indaġni iżjed profonda ma *Silver-Star Garage* ossia mal-kumpannija fejn kien jaħdem l-appellant u kien ikkonferma li ma kien hemm ebda rapport ieħor ta dan it-tip.

**Anzi Rennie Zammit ikkonferma li kienu qed iċemplulu diversi ġenituri sabiex l-appellet jibqa jipprovdi is-servizz**.

L-Ispettur Aquilina kien ukoll kellem persuna oħra, missier li kien Pulizija u fejn iż-żewġ uliedu kienu jirkbu ma Omissis **u kien infurmah li hu qatt ma ra jew nnota xejn ħażin**.

Għandu wkoll jiġi rimarkat li l-ġenituri ta' Omissis , lura fl-2006 mal-Ispettur Raymond Aquilina, ammettew li l-attitudni u l-imġieba tat-tifla tagħhom kienet '*a bit disturbed*' u li l-minuri qatt ma kienet semmiet xejn fuq xi abbuż jew xi haġa simili. Anzi kienu tat l-impressjoni li '*their child exaggerated the event of abuse but the drivers action and behaviour were annoying her*';

Dak iż-żmien *ossia* fis-sena 2006 l-assistent Head tal-Iskola St. Monica fil-Gżira Nathalie Degray ukoll kienet tal-opinjoni li dak li kienet qed tgħid Omissis kien esagerat u '*out of proportion*'.

*Di piu,* quddiem is-*socjal workers* il-minuri saħqet ukoll li hija kienet tirrifjuta li tobdi dak li jgħidlha ix-xufier; '*She even dictated that she refused to listen what the driver used to say; she turns her face facing the window and takes no recognition of what he said to her*'.

Finalment wara din l-investigazzjoni kollha l-Ispettur Raymond Aquilina kien tal-opinjoni illi:

> *"the child's version of events is believed to be exaggerated and never occurred as dictated even by the undersigned and the social workers appointed in this particular case. It is believed that this specific allegation emerged after several children commented against the driver because he used to teased them by words. In this moment, Omissis point out the allegations which allegations she never mentioned with her parents neither with other students."*

Aktar importanti kien li:

> "Omissis realised a detailed declaration in which she had to be directed most of the time by the social worker to express the *touching and jesting. When asked to show how James used to touch her, she indicated the shoulder; when asked if James had ever touched her breast,* ***she denied****".*

L-Ispettur Aquilina jikkumenta ukoll fuq il-fatt li wara li għamel eżami approfondit tal-allegazzjoni, u wara li ikkonsidra li skond il-ġenituri ta' Omissis hija kienet '*an out spoke person, misbehaves and very active…*" u li Omissis qatt ma semmiet xejn fuq dawn l-avvenimenti u li kienu sorpriżi ħafna b'dak li kienet qed tghid, **kien ovju li ma kienx hemm każ**;

Anzi interessanti ferm huwa l-fatt li f'nofs investigazzjoni irriżulta ukoll li l-minuri allegat li James Grech mhux tokkamenti għamel **<u>imma kien joħdilha il-biros u jtiha l-ħelu</u>**;

Din l-investigazzjoni għaddiet ukoll minn taħt il-kappa tas-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Alexandra Mamo **<u>u li wkoll qablet li l-appellant ma kellux ġġal xiex jirrispondi</u>**;

Referenza ssir ukoll għax-xhieda ta' Remelda Borg Grech in kwantu iddikjarat li hija kienet tkellmet mal-ġenituri ta' Omissis u dawn kienu sostnew magħha li t-tifla donnha kienet nesiet kollox, kienet ikkalmat u għalhekk ma kienx hemm għalfejn jibqgħu isegwu l-każ.

Il-każ kien għalhekk ingħalaq!

Id-domanda tiġi waħedha! Għalfejn allura l-Ewwel Onorabbli Qorti ma eżaminatx u ma kkonsidratx dawn il-fatti?

X'garanzija kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti li Omissis din id-darba, **<u>għexiren ta' snin wara</u>**, ma reġgħetx ivvintat storja oħra sabiex tikkuntenta lill-Psikjarata Dr. Cassar? Jekk kienet gidbet fis-sena 2006 faċilment setgħet terġa tigdeb fis-sena 2015!

U hija ovvja, fl-umli fehma tal-appellant, li Omissis kienet qed terġa' toħloq storja immaġinarja u dana stante li jekk wieħed jifli l-ġrajja li reġgħet rrakontat Omissis lill-Qorti u lid-diversi speċjalisti involuti, **<u>din l-istorja ma setgħetx ma tiġix innotata mill-persuni qrib tagħha fis-sena 2006</u>**;

Dan qed jintqal għas-sempliċi raġuni li minuri ta' tmien (8) snin ma tistax tiġi stuprata bil-mod vjolenti kif Omissis rrakontat mingħajr ma ommha u missiera ma jindunaw b'akkadut.

A.2.2. **Il-Veduta tal-ġenituri tal-*parte-civile* Omissis**

F'dan il-każ partikolari omm u missier Omissis ma nnotaw xejn fil-minuri li ġegħlhom jaħsbu li t-tifla tagħhom kienet qed tiġi abbużata u stuprata sesswalment għal tmint ijiem sħaħ.

Anzi meta saret l-investigazzjoni tal-Pulizija, il-ġenituri tagħha stess kienu konvinti li **t-tifla tagħhom kienet qed tesaġera fir-rakkont tagħha** meta din irraportat biss 'tokkament' u mhux stupru fuq medda ta' sebat ijiem.

Ovvjament, ġialadarba l-ġenituri kienu tant konvinti li t-tifla tagħhom kienet qed tigdeb u tesaġera, bl-ebda mod dak iż-żmien ma kienu kkolaboraw l-istorja b'xi evidenza oħra.

Filfatt, kull ma nnutaw il-ġenituri ta' Omissis kienu mumenti li waslet ftit tard, darba minnhom daħħlet tinħasel u darba oħra kellha xi ġerħa zgħira.

Stupru bil-vjolenza fuq persuna ta' tmien (8) snin bil-mod kif rakkontat u ivvintat Omissis , **għaxar (10) snin wara l-akkadut**, ma jieħux mumenti.
Jekk tibki tifla ta' tmien (8) snin u toqgħod tbennina u tgeżwirha b'xuguman sabiex tikkalmaha, żgur ma tieħux mumenti!

Jekk issawwat tifla ta' tmien (8) snin u tistupraha ma tieħux ftit mumenti!

Jekk tagħti bis-sieq tifla ta' tmien (8) snin, tħalli konsegwenzi aktar serji. Aktar u aktar, jekk tistupra tifla ta' tmien (8) snin żgur mhux forsi tħalli konsegwenzi fiżiċi gravi fuq it-tifla li zgur jkunu jirrikjedu attenzjoni medika!

Kif ġia ntqal, tajjeb li jigi sottolinejat li minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, meta Omissis kienet tattedni l-iskola hija kienet ġiet deskritta bħala tifla ferriħijha u

enerġetika, tifla li kienet fuq ruħha u xi ftit imqarba. Tifla *outspoken* u għalhekk ma kien hemm xejn x'jindika li din l-minuri kienet qed tiġi allegatament stuprata jew li kienet qed tiġi msawta;

Għandha wkoll, f'dan l-isfond, issir referenza għax-xhieda tat-tfal li kienu jirkbu mal-*parte civile* fil-*minibus*. **<u>Dawn iż-żewġt it-tfal ma nnotaw assolutament xejn ħażin fl-imġieba tal-appellant</u>**;

Li l-*parte-civile* Omissis tigdeb huwa ammess f'dawn il-proceduri.

L-omm tal-*parte civile* stess tisħaqq li t-tifla tagħha tigdeb u ma l-Ispettur Raymond Aquilina tistqarr li t-tifla tagħha **<u>kienet qed tkabbar il-fatti u tesaġera</u>**;

Tant Omissis ma kinitx kredibbli u attendibbli li saħansitra kellha tinżamm Inkjesta Maġisterjali fl-investigazzjoni li saret fis-sena 2015 u dana prinċiparjament għar-raġuni li skont l-Ispettur Aquilina:

> "Minħabba li Omissis tieħu kura l-Isptar Monte Carmeli u minħabba xi nkonsistenzi fid-dikjarazzjoni tagħha, l-Qorti ġiet mitluba li tinnomina espert".

Illi anke s-sorijiet li xeħdu f'dawn il-proċeduri ma kellhom l-iċken idea ta' dan l-inċident jew ta dak li kienet rraportat Omissis meta kienet zgħira tant kemm kien inċident minuri.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti pero' jidher li kompletament skartat dawn il-fatti u ddikjarat li kienet ix-xhieda li tal-appellant li ma hix waħda attendibbli u li ma għandiex tiġi emnuta.

Illi bl-akbar rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, Hija kellha tikkonsidra li l-istqarrijiet li kien ta l-appellant kienu saru għexrien tas-snin ilu u wieħed jistenna li persuna ma

tkunx eżatta fix-xhieda tagħha jekk tiġi mitluba li terġa' tirrakonta x'kien jiġri aktar minn għaxar (10) snin qabel.

Anzi wiehed jissorprendi ruħu jekk tali persuna terġa' tirrakontalek kollox fid-dettall.

Ovvjament jekk dan ikun il-każ, din il-persuna ma tkunx qed tixhed mill-memorja iżda tkun qed tixhed fuq dak li qrat, jew addirittura fuq dak li vvintat.

L-appellant, meta għazel li jieħu l-pedana tax-xhieda, ma xhedx fuq x'qal fl-istqarrijiet iżda xehed mill-memorja tiegħu.

**<u>Għax jekk dawn kienu inkonsistenzi fix-xhieda ta' James Grech, b'kull rispett, dak li qalet Omissis fis-sena 2006 meta kkomparat ma dak li qalet fis-sena 2015 lanqas hemm paragun fid-diverġenza tal-istejjer</u>**;

Lanqas ma huwa veru li l-appellant ma kienx konsistenti fuq il-fatti ewlenin ta' din l-istorja. Kienet żbajata filfatt l-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu rrimarkat li l-minuri kienet tiġi imwassla id-dar għax hija straħet fuq dikjarazzjoni li kienet tniżlet eronjament minn l-Ispettur Investigattiv.

Tant hu hekk li fl-ewwel stqarrija tiegħu, l-appellant kien saħaq is-segwenti:

> "***Spettur***: *Għalfejn taħseb li tifla innoċenti ta' eta' ta' tmien snin taħseb li ha tgħid hekk meta mhux veru?*
>
> ***James Grech***: *Jiena naf x'għandha f'moħħa, Sir, Din veru tinżel l-aħħar tifla Fleur, wara tifla oħra li tinżel xi mitt pass qabilha. Allura taħseb li jiena ħa nagħlilha hekk quddiem tfal oħra?"*

Illi mill-kliem '*allura taħseb li jiena ha nagħmlilha hekk quddiem tfal oħra*' kien jindika bl-aktar mod ċar li James Grech **<u>qatt ma qal lill-Ispettur li Omissis tinżel l-aħħar tifla</u>**.

Jingħad finalment li l-appellant dejjem wera li ma kellux x'jaħbi f'dan il-każ.

Huwa kkollabora bis-sħiħ mal-Pulziija u wieġeb għal kull domanda li kienet saret lilu kemm fl-investigazzjoni li saret fil-bidu u anke f'dik li saret għaxar (10) snin wara.

Huwa kkonfronta ukoll lill-ġenituri tal-minuri u ma kull minn kien involut fil-każ sabiex jaċċetahom li hu ma kellu x'jaqsam xejn u li ma kien għamel xejn ħażin.

Pero għal xi raġuni, l-Ewwel Onorabbli Qorti tisħaqq li ma nġabet ebda raġuni plawsibbli li setgħet tindika għaliex il-minuri kellha tivvinta tali akkużi fil-konfront tal-appellant, partikolarment meta kienu għaddew snin twal u ma kien għad fadal l-ebda kuntatt bejnha u l-appellant.

Li naqset li tikkonsidra l-Ewwel Onorabbli Qorti pero' huwa li ġie kkonstatat li Omissis hija persuna bi problemi psikoloġiċi kbar u li skond il-psikjatra Dr. Cassar hija għandha '*unstable personality disorder*';

Dawn huma lkoll fatturi li, magħdudin flimkien, *do not add up* u jitfgħu dawl fermament negattiv fuq il-kredibbilita' tax-xhieda tal-*parte-civile*.

Kwindi, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellant bis-sħiħ jemmen li dina l-l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx u ma kellhiex issejjes il-ġudizzju tagħha fuq il-verżjoni tal-*parte-civile* Omissis u b'hekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-appellant umilment jissottometti li deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx wahda '*safe and satisfactory*';

A.2.3. **Il-Prosekuzzjoni kienet Selettiva fil-Provi Tagħha**;

Wieħed irid ifakkar li l-Prosekuzzjoni damet sabiex tipproċedi f'dan il-każ il fuq minn għaxar (10) snin u l-provi li resqet kienu selettivi.

Dan qed jintqal għar-raġuni li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tressaq dawk il-provi kollha kemm favur u kif ukoll kontra l-appellant.  F'dan il-każ pero hija għazlet li tressaq dawk il-provi li kienu biss kontra l-appellant u l-appellant kellu jitlob huwa sabiex jiġu rintraċċati u mressqa provi favur tiegħu;

Illi sabiex jingħata eżempju, l-Prosekuzzjoni naqqset li tressaq l-istudenti kollha li kienu jirkbu u jużaw is-servizz tal-*mini bus* u mhux xhud wieħed biss – xhud li kien'*coached'* minn omm Omissis ;

**<u>Il-Prosekuzzjoni lanqas esebiet l-allegat djarju ta' Omissis </u>**.

Illi huwa konvenjenti ħafna li l-Prosekuzzjoni u aktar u aktar ix-xhieda tal- prodotti minnha, senjatament il-ġenituri tal-*parte civile*, li jagħmlu referenza għad-djarju u li fuqu Omissis  kienet allegatament kitbet l-istorja tagħha, sabiex jikkorroboraw il-verżjoni tal-minuri pero' ma jesebux dan l-istess diarju.

Jekk realment dan id-djarju kien jeżisti u fih kien hemm deskritt dak li suppost ġarrbet il-minuri, diffiċilment jitwemmen li dan ma ittieħidx għand il-pulizija – u mhux tali ma tteħidx għand il-Pulizija tali skont il-verżjoni tal-ġenituri, ingħata l-parir minn xi espert psikjatriku li tali djarju jinħaraq.

Illi n-nuqqas ta' prova forensika wkoll ixekkel it-teżi tal-Prosekuzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova forensika li b' xi mod setgħet tikkollabora l-allegazzjoni li Omissis  kienet ġiet suprata għal diversi drabi.  Fiż-żewġ investigazzjonijiet li saru ma sar l-ebda eżami mediku fuq l-allegat vittma.

Għalhekk, hija diffiċli li titwemmen il-verżjoni li offriet Omissis  – tifla ta' tmien (8) snin li ma jistax jkollha x'taqsam ma adult b'mod vjolenti mingħajr ma tħalli l-ebda traċċa.

B. **<u>Dwar il-Piena Erogata</u>**

F'dan it-tieni aggravju, li qiegħed jitressaq strettament mingħajr preġudizzju għall-dak ta' qablu *ossia* għall-aggravju 'A', l-appellant sejjer jagħmel sottomissjonijiet dwar il-piena u juri kif, bir-rispett, il-piena ta' ħdax (11) -il sena priġunerija hija waħda eċċessiva, tqarreb lejn il-massimu, u li tenut kont numru ta' fatturi u konsiderazzjonijiet li ser jitressqu taħt dan l-istess aggravju.

B.1. **L-Element ta' Proporzjonalita' bejn ir-Reati kommessi u l-Piena Erogata**

Għal kull buon fini l-appellant jikkjarifika li bl-ebda mod ma huwa qed jipprova jiġġustifika kwalsiasi ksur ta' liġi. Xejn affattu. Anzi reat kriminali jibqa' reat kriminali, u jekk tinstab ħtija, l-persuna misjuba ħatja mistennija illi tieħu l-piena li jistħoqqilha.

Madanakollu, l-piena ma għandhiex tingħata biss biex jiġi kkastigat individwu u jekk xejn tali piena għandha tkun tirrifletti l-gravita' tas-sitwazzjoni u l-isforz li jkun għamel sabiex jirriforma ruħu.

Fil-każ odjern, il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet waħda li minkejja li hija entro parametri, hija waħda, fl-umli fehma tal-appellant, manifestament eċċessiva u sproporzjonata tenut kont iċ-ċirkostanzi li jsawwru l-każ in disamina.

L-appellant, bħal kull persuna oħra tas-soċjeta', għandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu li għandhom jiġu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* huwa ħati. Għaldaqstant, l-appellant m'għandux ikun soġġett għal piena ħarxa u sproporzjonata. F'ċirkostanzi fejn huwa jiġi soġġett għal piena sproporzjonata, jkun hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula illi*: 'Is-severità tal-piena m' għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.*

*Di piu,* l-artikolu 52 tal-istess dokument ikompli jispjega li:

> *"Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-kazijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtiega li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."*

L-istess Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew jelenkaw, fl-artikolu 52, erba' elementi:

1. Il-limitazzjoni trid toħrog mil-liġi;
2. Tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet;
3. Jissodisfa l-interess ġenerali jew jipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn;
4. Tkun suġġett għal prinċipju tal-proporzjonalita`.

Sabiex wieħed jistabilixxi jekk piena tosservax il-prinċipju tal-propozjonalita' jeżistu diversi eżamijiet. Fil-fatt, **il-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamentali** jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Il-prinċipju ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u s-severita' tal-piena nflitta jemerġi wkoll minn Sezzjoni A tal-artikolu 4 tar-'**Recommendation No. R (92) 17 – Of The Committee of Ministers to Member States Concerning Consistency in Sentencing**.' Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbillixxu l-bażi loġika għall-piena kif ukoll jistabbilixxu miżuri u linji gwida sabiex jinħoloq bilanċ bejn is-serjeta' u s-severita' tar-reat u l-piena. Sezzjoni A tal-artikolu 6 tistipula li:

> "6. Sentencing rationales should be consistent with modem and humane crime policies, in particular in respect of reducing the

> use of imprisonment, expanding the use of community sanctions and measures, pursuing policies of decriminalisation, using measures of diversion such as mediation, and of ensuring the compensation of victims."

F'dan l-isfond, l-appellant jirrileva illi għalkemm f'ċertu każijiet il-paraguni huma odjużi u l-kalkolu tal-piena għandu jirrifletti l-fattispeċje ta' kull każ, huwa ma jistax ma jagħmilx aċċenn għall-fatt li meta kkumparat ma każijiet simili, il-piena karċerarja nflitta kienet ferm inqas mill-piena illi ġiet inflitta fuq l-appellant.

Fl-ewwel lok, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Omissis**', mogħtija nhar il-5 ta' Ġunju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fejn si tratta ta' imputazzjonijiet analogi, il-piena kominata kienet dik ta' tliet (3) snin priġunerija.

L-appellant jagħmel ukoll referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Wayne Zahra**', mogħtija nhar it-23 ta' Marzu 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[6] fejn il-piena kominata kienet dik ta' sitt (6) snin priġunerija.

Fis-sentenza '**Il-Pulizija v. Alfred Micallef**' mogħtija nhar is-27 ta' Mejju 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[7], il-piena nflitta kienet dik ta' għaxar (10) snin priġunerija.

*Di piu,* fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Denis Pandolfino u Anthony Pandolfino**', mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[8], fejn ir-reita' kienet fermament iżjed flagranti, l-appellant f'dak il-każ ġie kkundannat għal piena karċerarja ta' għaxar (10) snin.

---

[5] per Onor. Imħallef Vincent De Gaetano.
[6] per Onor. Imħallef David Scicluna.
[7] per Onor. Imħallef David Scicluna.
[8] Per Onor. Prim Imħallef Vincent De Gaetano, Onor. Imħallef David Scicluna u Onor. Imħallef Joseph R. Micallef.

Għalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' waħda jeħtieġ li tkun waħda proporzjonata. Dan joħroġ biċ-ċar fil-każ: ***Ute Reindl, ippreżentat minn MPREIS Warentvertriebs GmbH v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck,*** deċiża nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet hekk:

> *"According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive. In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation."*

Fil-fatt, hekk kif jgħid tajjeb l-awtur **Profs. Dr. Albin Eser** fil-kitba ntitolata **'Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights**':

> *"On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the wrong and the individual severity of blame- worthiness have a particular meaning. In every single case it has to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned."*

Għalhekk, fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena ta' priġunerija effetiva ta' ħdax (11) -il sena hija waħda sproporzjonta u eċċessiva u kwindi timmerita temperament.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar il-18 ta' Lulju 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**,

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-Provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[9] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-

[9] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[10]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[11]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[12]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[13]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[14]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[15]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

---

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[14] 1969] 1 QB 276.
[15] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[16] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[17] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[18]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi*

[18] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

*oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[19] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[20] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [21] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[20] 1997 Edition Para 10-3.
[21] 1952.

*examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[22]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[23]

---

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[23] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika

Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[24] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**Dr Joe Cassar**[25] xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2016 fejn qal illi hu Konsulent Psikjatra u li l-appellant ma jafux. Xehed illi hu ltaqa' mal-persuna ndikata bhala l-vittma nhar it-2 ta' Settembru, 2014 u dan wara li kienet dahlet Mater Dei bi *pseudo seizures* jigifieri accessjonijiet izda mhux medici u cioe' ma jkunx hemm problema fl-elettriku tal-mohh. Din it-tip t'accessjoni tkun ikkawzata minn problemi psikologici kbar. Spjega li fit-termini medici huma jsejjhulha *conversion disorder* jigifieri problema fejn il-gisem

ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[24] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

[25] Fol. 10 et seq tal-process.

jikkopja sintomu mediku, f'dan il-kaz accessjoni u jghamilha biss b'fini psikologici. Qal li f'dak il-perjodu huma ma kienux jafu x'wassal ghal dan, izda spjega illi normalment *pseudo seizures* ikunu f'cirkustanzi serji, mhux bilfors t'abbuz imma jistghu jkunu f'cirkostanzi ta' trawma. Illi l-*conversion disorder* hija xi haga maghmula mis-sub-konxju jigifieri l-persuna ma tkunx taf li qed issir. Jghid li lil vittma hu kien ilu jafha mill-2014 u beda jinduna illi kellha sintomi ta' *borderline personality disorder*. Din hija disordni fil-personalita' li hafna drabi wkoll relatata ma' problemi ta' trawma fejn persuna tara biss estremi u t-triq tan-nofs difficli hafna jarawha. Jghid li dawn il-*pseudo-fits* kienu bdew meta kellha sittax (16) -il sena fl-ewwel relazzjoni li kellha ma *boyfriend* u meta gew biex ikunu intimi gara dan li gara. Hu kien staqsiha jekk qattx kelliex xi esperjenzi meta kienet zghira u bil-mod zvelat dak li kienet ghaddiet minnu meta kellha tmien (8) snin. Kienet l-ewwel darba li tkellmet fuqha u zdiedu b'mod sostanzjali l-*pseudo-seizures*, kif ukoll mumenti fejn weggghet lilha nnifisha. Huwa semma l-istanzi ta' meta ppruvat twegga lilha nnifisha u kif sussegwentament b'hafna medicina u terapija rnexxilha anke tidhol l-Universita'. Spjega illi l-vittma lilu qaltlu illi ta' tmien (8) snin kienet tkun gol-van wahedha u kien hemm xi zewg okkazzjonijiet jew iktar fejn l-appellant qalilha anke biex ikollu l-*intercourse* maghha. Hu kkonferma illi meta terga' tiftakar f'dawn l-episodji jinqalghu d-diffikultajiet. Ikkonferma wkoll illi fil-kors tat-terapija kien issugerixxa illi hi ghandha tiftah u titkellem u mhux tibqa' ggorr dan kollu fuqha. Spjega li l-vittma kienet tinsab imwerwra sabiex tixhed.

**Ex-Spettur Sylvana Briffa**[26] xehedet nhar it-3 ta' Mejju, 2016 fejn qalet illi nhar it-3 ta' Frar, 2015 kienet infurmata mill-Psikjatra Joe Cassar illi kellu pazjenta illi allegat mieghu li ghaddiet minn abbuz sesswali u li xtaqet titkellem ma xi hadd tal-Vice-Squad. Irrizulta li din kienet Omissis u ghalkemm ghall-bidu kienet kemm xejn misthija, izda wara li ntaqghet maghha xi drabi ohrajn hassitha iktar komda titkellem maghha. Hija kienet marret tkellimha Mount Carmel fejn qaltilha dwar l-abbuz sesswali li kienet ghaddiet minnu meta kellha tmien (8) snin u kienet qaltilha li dak iz-zmien kienet diga rrapurtat lill-pulizija. Hija kienet iccekjat mar-records taghhom u kien irrizultalha li kien infetah file f'2006 fejn hija kienet allegat diga' dan l-abbuz

[26] Fol. 24 et seq tal-process.

mal-pulizija u dak iz-zmien l-Ispettur kien Raymond Aquilina. Hija kienet allegat li dan l-abbuz kien sar mill-minibus diver taghha bl-isem James Grech u f'dan ir-rapport kienet qalet li dan kien imissilha sidirha u zaqqha, kemm minn taht kif ukoll fuq il-hwejjeg. Dan kien iwassalha lejn l-iskola u lura mill-iskola ghad-dar. Dak iz-zmien kienu dahlu l-appogg u anke gew mitkellma l-genituri. It-tifla jista' jkun li esegerat xi ftit imma l-azzjonijiet tax-xufier bdew idejqu wkoll lit-tfal l-ohra. Fil-fatt ix-xufier kien anke gie sospiz mir-rotta li kien qed jaghmel dak iz-zmien. Tfal ohra mill-istess skola kienu rrapurtaw li jhobb jiccajta goff maghhom. Dak iz-zmien l-Ispettur Raymond Aquilina kien ikkonkluda li ma kienx hemm bazi  sabiex jitressaq fuq *defilment of minors*. Hi regghet tkellmet m'Omissis u din baqghet konsistenti fil-verzjoni taghha. Hi kienet kellmet lil Omissis madwar tlett darbiet u kienet stqarret illi meta kellha tmien snin ix-xufier tal-minibus kien abbuzaha sesswalment f'diversi okkazzjonijiet. Spjegatilha illi l-ewwel darba kien hadha f'ghalqa wara l-iskola u kienet xi ghaxar minuti l-boghod mid-dar. Huwa beda jghidilha li jhobbha u waqt li kien qed jghidilha dawn il-kliem beda jnehhilha hwejjigha u jmissilha l-partijiet intimi taghha. Kienet qaltilha li l-ewwel darba hija kienet baqghet bil-hwejjeg u l-appellant kien qalilha illi jekk tghid xi haga lil xi hadd dwar dan hu kien iwegga' lil ohtha. Tghid li lilha dejjem kien ihalliha l-ahhar wahda u kien johodha f'din l-ghalqa. It-tieni darba hu kien qalilha sabiex titla fuqu, kienet ghadha bil-hwejejg u beda jmissilha sidirha u l-partijiet privati taghha. Mat-tielet darba, hu kien ghamlilha *finger fuck* fl-ghalqa, beda jikkumplimentaha hafna. Ir-raba' darba hija kienet kbiet hafna u l-appellant kien uza *blanket* biex ghattiha, biex jikkalmaha. Hi spjegat kif beda jbenninha biex jikkalmaha. L-appellant imbghad staqsiha sabiex tghamillu sess orali, spjegat li ppruvat tirrezistih pero' mbghad wara certu hin hu qabadha qisu ssussaha, poggiha mil-art u tiftakar li dakinhar kienet infarget. Meta marret id-dar u l-genituri taghha kienu raw li kienet infarget, kienet qaltilhom li kienet waqghet. Mal-hames darba hija kienet spjegatilha li kien nezzaha, it-tnjen li huma kienu mindudin mil-art u dakinhar kien ghamel maghha. Dakinar hija qaltlu li kienet qed twegga' pero' hu ma kienx ta kasha u minn wara dakinhar ghamel darbtejn ohra maghha fejn hi kient tipprova tirrezistih, pero' hu kien ikun vjolenti. Tghid li kienet tkellmet mas-soru tal-iskola dwar dan l-incident, fejn din tal-ahhar kienet infurmat lill-Agenzija Appogg u lill-genituri taghha li

mbghad marru ghand il-pulizija. Sussegwentament l-appellant ma baqax ix-xufier taghha. Kienet anke giet mitkellma s-soru mill-pulizija u lis-social worker ta'dak iz-zmien certu Remelda Grech. Kienet giet miftuha inkjesta u l-Magistrat Inkwerenti kienet hatret lil *child psycologist* Dr Carmen Sammut sabiex tkellem lil Omissis.

In kontro-ezami mistoqsija jekk Omissis kienitx qaltilha kemm kienu jkunu tfal fil-van, hija wiegbet fin-negattiv. Ikkonfermat li Omissis kienet qaltilha li gieli kienet tpoggi quddiem u gieli wara. Tghid li qabel kien kellimha l-Ispettur Raymond Aquilina lil Omissis, izda ma kienx invistaha tabib.

**<u>Graziella Abela</u>**[27] xehedet nhar it-12 ta' Mejju, 2015 fejn f'isem ir-Registratur tal-Qorti esebiet proces verbal bin-numru 88/16.

**<u>Omissis</u>**[28] xehedet nhar it-12 ta' Mejju, 2016 permezz tal-procedura tal-*video conferencing*. Hija spjegat illi meta kienet skola ix-xufier li kien jigborha filghodu, kien ikun differenti mix-xufier li kien iwassalha lura d-dar mill-iskola. Tispjega li l-appellant kien ix-xufier li kien iwassalha lura d-dar mill-iskola fil-Year 4. Tghid li kienu jkunu madwar tlettax (13)/ erbatax (14) bhala tfal. Tghid li kien hemm tfal ohra min-Naxxar u ghall-bidu kienet toqghod quddiem hdejh u wara l-incident bdiet toqghod wara. Spjegat kif kienet qieghda hdejh meta kien qed isuq u messilha saqajha u bil-hasda dawwret l-isteering u kwazi habtu, imbghad bdiet toqghod wara. Hi meta messilha saqajha kienet liebsa dublett u kien messilha l-koxxa. Sussegwentament kien irrabja maghha ghax dawwritlu l-isteering. Irrakuntat kif darba wassalha l-ahhar id-dar , qabel wassal lil habiba taghha u hi bejn wiehed u iehor kienet tafha t-triq lejn id-dar u ndunat li ma kienx ha t-triq tas-ssoltu. L-appellant kien hadha go ghalqa izda qabel mar hdejha fejn kienet bilqeghda wara u nezzaha u beda jmissha ma kullimkien. Sussegwentament qalilha sabiex tilbes u wassalha d-dar. Hu qalilha sabiex ma tghid xejn lill-genituri taghha nkella twegga ohtha. Hi kienet qalet lill-genituri taghha sabiex ma tmurx skola ghaliex kienet ma tiflahx izda huma ndunaw li mhux minnu li kienet

[27] Fol. 36 et seq tal-process.
[28] Fol. 57 et seq tal-process.

ma tiflahx. L-ghada kienet marret l-iskola u l-appellant kien qalilha sabiex jaghmlu affarijiet sesswali differenti. Meta gara dan kollu kienu fil-van go ghalqa, l-istess ghalqa tal-jum ta' qabel. Hi tghid li ma kienet qaltlu xejn u l-appellant ma kienx liebes il-flok u l-qalziet ghax nezahom. Tghid li hu kien uriha x'kellha taghmel u poggilha idejha fuq il-parti tieghu u qalilha sabiex tkompli hi minn fuq ghal isfel. Idejha kienet fuq il-parti tieghu u idejh kienu fuqha. Hija kienet liebsa biss il-qmis ghaliex id-dublett kienet nehhietu ghaliex kien qalilha hu. Sussegwentament hareg mill-van ghaliex mar jaghmel *toilet* u wara hadha d-dar. Dakinhar kien qalilha sabiex ma tghidx lil ommha u hi wiegbet 'okay'. Tghid li kienet spiccat hames darbiet ohra fl-ghalqa. It-tielet darba kienet grat wara l-weekend u kienet infaqghet tibki meta waslu fl-ghalqa. Kellu xuguman fuq id-dashboard u kien gezwirha fih u ma ghamel xejn hlief benninha u hadha d-dar. Hi r-raba' darba ppruvat taghmel l-istess u cioe' bdiet tibki forsi ma kien jaghmlilha xejn, izda l-appellant kien irrabja hafna. Kien refaghha u waddabha n-naha l-ohra tal-van u kien hemm hafna demm li kien hargilha minn halqha u mnihirha. Imbghad kien qabad il-qmis tieghu, naddafha u hadha d-dar. L-appellant kien qalilha sabiex lil ommha tghidilha li kienet waqghet fil-*playground.* Tghid li fil-hames okkazzjoni kien hemm penetrazzjoni bil-parti tieghu u dan gara ezatt wara r-raba' darba. Hu dakinhar kien qalilha sabiex tinza u tghinu sabiex jinza hu wkoll. Hu kien mar fuqha, hija kienet minduda fuq is-seat ghax kien qalilha hu sabiex timted. Hemmhekk kien hemm il-penetrazzjoni fil-parti taghha bil-parti tieghu. Hi spjegat illi hasset ugigh kbir u damet qisu hames/sitt minuti bejn wiehed u iehor, imbghad hu qam u mar jaghmel *toilet*. Hi qabdet tilbes mill-ewwel u x'hin gie lura hu mar quddiem u saqha lejn id-dar. Hi x'hin waslet id-dar marret tiehu *shower*. Is-sitt darba li kien jahbat l-ghada kien mar wara u kien mar irrabjat u beda jghajjat maghha. L-appellant beda jghidilha li dan kollu gabitu b'idha u li hi ridithom dawn l-affarijiet. Hu beda jghatiha fl-istonku b'sieqU u hi ma qaltlu xejn. Hu kien taghha l-ghazla sabiex titlaq izda hija ma haditiex. Mistoqsija ghala ma haditiex, hija wiegbet li ma kienitx taf. Kien fethilha l-bieba u qalilha jekk riedet titlaq setghet titlaq. Meta baqghet hemm qalilha qed tara kif inti tridu u sussegwentament ippenetraha. Fis-seba' okkazzjoni hu kien ghamel l-istess haga, neza u ppenetraha. L-ghada ma kienitx l-ahhar passigiera u wassalha d-dar normali. Xi xahar wara ratu jmelles xaghar habiba taghha, kie.nu bil-

kostum tal-karnival. Qalet li ma riditx li din it-tifla jigrilha l-istess u marret tghid lil Sister Marisa. Kienet qaltilha li l-appellant messilha sidirha u ma qaltilix l-affarijiet l-ohra u ma hallitix tmur id-dar bil-van. Mistoqsija ghaliex lis-soru qaltilha biss li messilha sidirha, hija qalet ghax forsi kien bizzejjed sabiex ma jibqax ix-xufier, infatti hija qalet li ma kienux hallewh jibqa' xufier. Minn dakinhar il-quddiem ma wassalix iktar id-dar. Tiftakar illi wara li kienu tkellmu mas-soru dwar li l-appellant kien messilha sidirha, kienu marru d-Depot hi u missierha u kien hemm mara saqsietha xi mistoqsijiet. Imbghad il-Hadd filghodu kienu regghu marru s-CID u kienu qalulha biex turihom kif kien messha fuq ommha u hi kienet qaltilhom li mhux vera. Hi kienet qalet hekk ghax ma ridet taghmel xejn lil ommha. Hi mbghad ma qaltilhom xejn. Mistoqsija jekk hix tiehu xi kura, wiegbet fl-affermattiv u li kienet ilha tiehu din il-kura kwazi sentejn. Spjegat li bdiet tohodha ghaliex meta bdiet tohrog mas-subien *she relapsed* u bdew gejjin lura l-memorji. Hi kienet tkellmet m'ohtha li hija tmien snin ikbar, dwar dawn il-memorji izda ma qaltilix kollox. Spjegat li kien ikollha hafna *flashbacks* u jtuha hass hazinijat. Spjegat illi s-social worker kienet prezenti d-depot l-ewwel darba meta marru hemmhekk u cioe' il-Gimgha. Hi kienet taghthom l-istess verzjoni li kienet taghat lis-soru u sahqet li ma riedet lil hadd iktar ikun jaf. Tghid li bdiet tibza li ser twegga' lil genituri taghha. Tghid li l-ewwel persuna li kienet tkellmet maghha dwar dawn l-affarijiet kien Dr Joe Cassar. Dan tal-ahhar kien qalilha li kellha taghmel rapport sabiex jiehu li haqqu. Gie pprezentat dokument mill-prosekuzzjoni fejn meta gie muri lilha qalet li mhux hi kienet ghamlitu izda jista' jkun li s-social worker. Ma tiftakarx jekk is-social worker kienitx ghamlitu abbazi dak li kienet qed tispjega hi. Hija gharfet lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti.

Omissis[29] regghet xehedet in kontro-ezami nhar is-16 ta' Marzu, 2022 fejn qalet illi f'2006, hija kellha tmien snin u kienet tmur l-iskola bit-trasport fejn ix-xufier ta' filghodu u filghaxija ma kienux ikunu l-istess. Tghid li filghaxija kien iwassallhom l-appellant, kien iwasslha quddiem il-bieb taghha u wahidha kienet tinzel. Spjegat li t-tfal li kienu jinzlu qabilha kienu certu Omissis 6 u mhux certa hux Omissis 5. Semmiet ukoll zewg ismijiet ohra. Normalment kien ikun hemm tfal ohra li jinzlu warajha.

[29] Fol. 530 et seq tal-process.

Mistoqsija jekk dik il-gimgha li hija semmiet kienx iwassal lilha l-ahhar, wiegbet fl-affermattiv. Hija semmiet xi ismijiet ta' studenti li kienu jinzlu warajha, u cioe' xi tlett jew erbat ibniet li kienu jinzlu warajha izda mhux dejjem l-istess. Spjegat li kien hemm zewgt ibniet bl-istess isem. Hija qalet illi kienet tkun wahda minn tal-ewwel fil-van ghaliex il-klassi taghha kienet ezatt fejn il-bieb fejn imorru ghat-trasport. Hija kienet l-unika wahda fil-klassi taghha li kienet titla f'dan il-van. Tghid li sidirha u zaqqha kien imisshomla qabel jaslu t-tfal l-ohra. Hi tghid li lill-Ispettur ma kienitx qaltlu li dawn l-affarijiet isiru quddiem it-tfal l-ohra. Kienet qalet lil xi tfal li l-appellant kien jaghmel idejh fuqha u dawn bdew isaqsuha xi domandi izda ma bdietx twiegeb allura marru qalu lis-Soru. Rinfaccata bil-fatt illi Omissis 3 ma xeheditx illi hija kienet qaltilha illi l-appellant kien imissha gol-van qabel kienu jaslu huma, hija qalet illi ma tafx x'taqbad tghid. Hi qalet illi kienet qalet liltifla ohra izda Omissis 3 kienet hemm. Tghid illi jidrilha li kienet din it-tifla l-ohra li kienet marret tghid lis-Soru. Din sussegwentament kellmitha u hi qaltilha li l-appellant kien imissilha l-parti ta' fuq ta' gisimha. Kienu cemplu lil missierha u dan kien mar ghaliha l-iskola u filghaxija kienu marru d-Depot. Spjegat kif gieli kien hemm drabi fejn messha u kien ikun hemm it-tfal aktar il-quddiem u dak il-hin it-tifla li kienet tpoggi hdejha kienet iddum ma tidhol. Tghid li sabiex jimtela kollu l-van kien jiehu madwar kwarta jew ghoxrin minuta. Mistoqsija ghala kienet irrapurtatu, hija wiegbet ghaliex darba ratu jmiss xaghar Omissis 3 u ma riditux li jaghmel l-istess lilha. Mistoqsija ghaliex ma kienitx qalet kollox mill-ewwel, hija wiegbet ghaliex l-appellant kien heddida li jwegga' lill-ohtha u l-familjari taghha jekk titkellem. Tghid li meta saret taf is-soru, hija bezghet hafna u ma kienitx decizjoni taghha li tghidilha, izda mbghad la kienet harget ma kelliex ghazla ohra. Tikkonferma illi hija kienet qalet li gidbet ghaliex kien il-Hadd u marret it-Depot u l-Ispettur kien qalilha sabiex taghmel fuq ommha kif l-appellant kien ghamel lilha u dak il-hin ghazlet sabiex tghid li gidbet ghaliex ma riditx taghmel l-istess haga li l-appellant kien ghamel lilha fuq ommha. Meta kienet qaltilhom li gidbet kien waqaf kollox. Mistoqsija mill-Qorti kif regghet tqajmet din l-istorja hija wiegbet illi kellha sittax (16) -il sena u kienet qed tohrog ma xi hadd u hija zammet kollox mistur go fiha. Xorta baqghet tahseb fuqha l-haga ghalkemm hajjitha kompliet. Imbghad bdew ituha l-accessjonijiet li rrizulta li kienu frott it-trawma li hija garrbet.

Tghid li fl-ewwel gurnata ma kienx hemm *intercourse* izda kien messilha kullimkien u kien qalilha sabiex tinza. Tghid li kienu diga bdew ftit relazzjoni flimkien u allura qisha xi ftit kienet tafdaw u kienu qeghdin wahedhom fl-ghalqa ma kienitx taf fejn qeghda. Hija kompliet billi qalet illi meta jghidlek xi haga xi hadd ikbar minnek qisu trid taghmilha u dan kollu kien gara kwazi mill-ewwel x'hin waslu fuq il-post. Hija kienet bilqeghda n-naha ta' wara u l-appellant kien mar hdejha. L-appellant kien kellimha ftit u qalilha sabiex tinza. Tghid li dak il-hin hija rathom eternita' imma fil-verita' ma kienx ghadda hin twil. Sussegwentament regghet libset wahidha, hu mar lura fis-seat u wassalha lura d-dar. Ommha kienet accennat illi kienet damet biex waslet. Hija tenniet illi kienet qalet lill-genituri taghha sabiex l-ghada ma tmurx skola ghax kienet qed thossha ma tiflahx izda ma kienitx qaltilhom ezatt x'kien gara. Tghid li vera li l-ghada kien gara wkoll u saru xi affarijiet fuqu pero mistoqsija jekk egakulax, hija qalet li ma rat xejn. Tghid li bhala hin kienet damet qisu l-istess it-tieni darba. Tikkonferma li kien hemm hames okkazzjonijiet u li hi dejjem kienet bilqeghda wara. Ikkonfermat ukoll li t-tielet darba ma kienx messha. Kienet bilqeghda wara u kien qalilha ilhaq inza u sakemm mar wara sabha mbikkma u gezwirha fix-xuguman. Bhala hin kienu damu qisu daqs iz-zmien precedenti. Sakemm gie biex johodha d-dar ikkalmaha u libset wahidha. Mistoqsija ghaliex ma kienitx qalet b'dan kollu lil ommha hija qalet li ma kienitx *close* ma ommha u la ma emmnuhiex li kienet ma tiflahx bdiet tibza li mhux se jemmnuha. Tghid li l-ghalqa kienet bil-hamrija u haxix hazin u ghadha tixtieq sal-llum il-gurnata tkun taf fejn hi. Spjegat illi fir-raba' okkazzjoni kien waddaba fil-van minn wara ghall-quddiem u hija nfarget u xoffitha ntefhet. L-appellant kien neza l-qmis biex meshilha wiccha mid-demm. Ma tiftakarx kemm kienu damu biex ghaddewlha xofftejha.Rigward il-hames okkazzjoni hija qalet illi s-seat li kien lejn l-ahhar tal-van u l-appellant kien qalilha sabiex timtedd u sussegwentament kien hemm il-penetrazzjoni. Meta marret id-dar lil ommha ma kienitx qaltilha li kellha ugigh kbir li sa filghaxija beda jtaffi. Mistoqsija jekk ratx xi haga dak il-hin jew wara hija qalet li ma tiftakarx. Tghid li l-ghada l-affarijiet irrepetew ruhhom. Fis-sitt okkazzjoni qalet li kellha ftit hruq. Hija spjegat illi daqs sena wara kienet saret tfajla u kienet staqsiet lil ohtha dwar dan ghaliex hasbitha relatata ma dak li kienet ghaddiet minnu. Ikkonfermat li kellha djarju li fih kienet tikteb dak li

ghaddiet minnu bid-dettalji meta bdiet tiftakar. Sussegwentament it-terapisti kienu qalulha sabiex taharqu. Qalet li ma Omissis 3 hija tkellmet meta kien ser jinfetah il-kaz. Spjegat illi hi kienet Form 5 u kienu qed jghidu li kienet qed ticassa hafna u gieluha tmur il-counsellor tal-iskola u kienu ssugerixxew li hija zzomm djarju. Kellha suggeriment sabiex qisha tizvoga fih. Imbghad kienet qaltilha sabiex l-affarijiet li ghaddiet minnhom thallihom warajha, u ghalhekk taqbad u tahraq id-djarju. Darba kellhom jaharquh flimkien izda l-lighter ma hadmitx u qattat pagna minn dan id-djarju, qattata bicciet u wara kienet harqitu hi. Mistoqsija fejn kienet izommu tghid li kienet thallih in *plain sight,* fejn il-ktieb tal-bijologija. Ikkonfermat illi l-appellant kien mar id-dar taghhom u kellem lil ommha izda hi bezghet u telghet il-fuq u ghalhekk ma tafx x'intqal bejn ommha u l-appellant. Tghid li tiftakar li darba ommha kienet qalet lill-appellant sabiex ma jatihiex iktar helu, izda dan gara qabel l-abbuz. Tenniet ukoll li darba l-appellant kien taghha santa 3D u anke kuruna.

**<u>Omissis 1</u>**[30] xehedet nhar l-14 ta' Gunju, 2016 fejn qalet li ghandha erbat itfal fosthom Omissis. Tghid li kien hemm drabi li Omissis kienet tghidilha sabiex tmur ghaliha l-iskola u dan kien f'2006 meta Omissis kellha tmien snin. Kienet issaqsiha hemmx xi tfal qed idejquha u hi kienet tghidilha sabiex tasal kmieni d-dar. Kienet tispjegalha li ma setghetx toqghod tmur ghaliha u ta' tifla li kienet Omissis ma baqghetx tissikaha, izda kienet qaltilha iktar minn darba. Tghid li Omissis kienet tmur l-iskola u tirritorna lura d-dar bit-transport. Darba fost l-ohrajn Omissis kienet qaltilha li x-xufier jaghtiha l-helu u kienet gibditlu l-attenzjoni sabiex ma jaghtihix helu. Hija gharfet lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Kienet baqghet issaqsi lil Omissis dwar jekk ix-xufier kienx qed jtiha helu u jekk dan kien qed jaghmel hekk ma kelliex tiehdu. Spjegat illi f'gimgha partikolari Omissis waslet id-dar iktar tard mis-soltu. Darba minnhom anke giet id-dar b'xoffitha maqsuma u kienet saqsitha x'kellha u qaltilha ' *le mummy, accident, tifla ohra gholliet minkbejha u laqtitni.*' Darba minnhom rata damet u bdiet tidhol u tohrog ticcekja u meta waslet ix-xufier ma waqqafiex quddiem il-bieb, waqqafha kantuniera l-boghod mid-dar. Omissis marret tigri u saqsitha ghaliex kienet damet u qaltilha li kien wassal lilha l-ahhar u baqghet sejra tinhasel u wara ma riditx tiekol. Dik il-gimgha

[30] Fol. 104 et seq tal-process.

stess kienet cemplet is-soru u qaltilha li t-tifla kienet qaltilha li x-xufier kien messha u ghalhekk mhux ser thalliha tirkeb mieghu. Hi kienet cemplet lir-ragel taghha u kien mar jigborha hu mill-iskola. Fl-4.30pm mar ihabbat il-bieb u kien ix-xufier u saqsiha ghaliex ma hallitx lit-tifla tirkeb mieghu u hi qaltlu *'jekk inkun naf li missejt lit-tifla....'* u hu kien qalilha *'mela jien mignun?!'* u dak il-hin hija qaltlu *'min qallek li l-imgienen ma jigrux hawnhekk mas-saqajn?*!' u sussegwentament qalilha *'jien hsibt li ha nsib lir-ragel hawn lest ghalija'* u hi qaltlu *'Allura, qed tammetti?'* u rega wegibha *'Qed nghidlek mela jien mignun?!'* u keccitu l-barra. Sadanittant ir-ragel tkellem ma tal-Appogg u mar ghat-tifla d-dar u marru d-depot. Meta gie x-xufier it-tifla bdiet twerzaq u tghajjat u telghet tigri l-fuq. Hija staqsieta kienx mar ghaliha u din wegbitha fin-negattiv u li missierha kien sejjer ghaliha. Tghid li batew hafna, johorgu u Omissis tara van u tidhol taht is-seat tistahba u tibki. Tghid li Omissis kienet tohlom ikrah u hi kienet tghid lir-ragel taghha li ma jistax ikun li din it-tifla ma qalitx il-verita' meta haduha d-depot. Tghid li Omissis dejjem kienet tghid li hi mugugha daqqa' b'haga u daqqa' ohra, izda r-rizultati dejjem irrizultaw fin-negattiv. Tghid li kien l-ugigh ta' tbatija li baghtiet u li garret maghha u li ma qaltilomx biha. Tghid li madwar sentejn qabel sabet djarju li fih kien hemm id-dettalji ta' minn xiex kienet ghaddiet Omissis. Tghid li d-djarju ma kienx ghadu ghand Omissis ghaliex kienet mghotija struzzjoni mill-psikologa li kienet qed isegwiha sabiex taharqu. Sussegwentament bdew il-fits, l-ewwel wiehed li taghha kienet tahdem go restaurant u qalu li kien taghha hass hazin. Haduha l-isptar, ghamlulha t-testijiet necessarji. Bdew jahsbu li *epileptic* izda ma kienitx hekk. Kien hemm tabib staqsiha jekk Omissis kienitx ghaddiet minn xi trauma u hija kienet wegbitu fl-affermattiv u li qas kienet taf li qratilha d-djarju. Tghid li f'2006 meta sar ir-rapport lill-pulizija ma kienux jafu l-verita kollha u Omissis gidbet ghax bdiet tibza mit-theddid tal-appellant. Tghid li s-Supretendent kien qalilha *'jekk ma tghidx il-verita' t-tifla, li wisq probabbli t-tifla hija mbezza'* kien qalilha *'ma nistghux nipprocedu ahna'*. Tghid li kieku xi hadd gibdilha l-attenzjoni sabiex tohodha ghand xi psikologa ovjament kienet tohodha imma dak iz-zmien kienet tahseb li la marret ghand il-pulizija, xogholha ghamlitu. Min-naha tal-pulizija kien waqaf kollox hemm. Tghid li l-verita' hija tafha tramite id-djarju u x'hin raw tul dawk is-snin kollha li Omissis kienet tghidilhom li ghandha x'imkien jugaghha u ma kellha xejn waslu ghal

konkluzjoni li kollox relatat ma din it-trauma u kienu jitkellmu mat-tabib u cioe' Dr Cassar li kienet l-idea tieghu li jergghu jifthu l-kaz. Tghid li Omissis issa kienet saret taf li hi qrat id-djarju. Tghid li kien qrah ir-ragel u tghid li kien hemm imsemmija ghalqa; li kien hemm xi dmija u x-xufier nizel jahsel idu; ghattilha ghajnejha u darba waddabha bejn is-sidil tal-van.

In kontro-ezami mistoqsija ghaliex hadet sentejn u nofs sabiex irrapurtat fuq il-kontenut tad-djarju hija wiegbet li lil Omissis hija ma ridietx turiha li hija qrat id-djarju ghaliex hija trauma kerha hafna biex toqghod tfakkarha u li kieku ma sabitx dan id-djarju kieku ghadha sal-lum ma tafx x'ghamel ix-xufier. Tghid li ma tafx min kien qal lil Omissis sabiex tahraq id-djarju, izda taf li nharaq ghax kienet qaltilha oht Omissis u meta regghet marret tfittxu ma sabitux. Tghid li fid-djarju kien hemm sa *day seven*, izda *day seven* kienet imqatta'. Ma tiftakarx il-granet kienux isegwu. Tghid li dejjem kien ikun hemm it-tfal meta kienet tinzel u x-xufier kien iwassalha quddiem il-bieb. Tghid li kien hemm dik il-gimgha fejn it-tifla waslet id-dar iktar tard mis-soltu, partikolarment gurnata minnhom izda ma tafx tghid kemm bhala hin. Tghid li minn dakinhar li kellmitha s-soru t-tifla ma baqghetx tuza t-transport. Mistoqsija jekk kienitx taf li Omissis izomm djarju, hija wiegbet fin-negattiv. Tghid li d-djarju ma dahhlilix hsieb hazin li hasbitu tal-iskola, mentri Omissis kellha zewg djarji. Tghid li darba fost l-ohrajn gietha l-kurzita minn dan id-djarju, fethitu u rat dak li kien hemm miktub izda mbgahd taghtu lir-ragel taghha u kompla jaqrah hu ghax inzerta kien id-dar. Tghid li meta qraw dan l-ewwel ma giet f'mohhhom kienet is-sahha tat-tifla u riedu parir professjonali ta' tabib. Tghid li dan id-djarju kien datat l-2014 u ghalhekk madwar seba'/tmien snin wara li ghaddiet minn din it-trauma, kitbet dawn l-affarijiet f'dan id-djarju. Tghid li ma tiftakarx jekk kienitx kellmet lit-tabib dwar id-djarju. Tghid li gharfet il-kitba t' Omissis. Tghid li f'dawk l-erbat ijiem partikolari kienet qeghda tasal tard u l-ahhar wahda. Taf li kienet qed tasal iktar tard mis-soltu izda kemm ezatt ma tafx kemm.

**Omissis 2**[31] xehed nhar l-14 ta' Gunju, 2016 fejn qal li ghandu erbat itfal, fosthom Omissis. Qal li Omissis spiccat skola madwar is-sena 2013/2014 u li l-kundizzjoni t' Omissis hija wahda inkwetanti. Omissis kienet tinsab taht il-kura ta' Dr Cassar u dan ghaliex madwar sentejn qabel bdew jaghtuha *seizures*. Wara li darba minnhom taghha *seizure* u spiccat id-dar minn fuq ix-xoghol, kienu ghamlulha t-testijiet kollha anke sabiex jaraw ghandiex xi *epilepsy* u rrizulta li dan kollu gej minn trawma. Spjega li f'2006 kien xoghol u rcieva telefonata minghand il-mara illi cemplitilha s-soru u qaltilha isma t-tifla qed taghmel rapport illi x-xufier tal-minibus missilha l-partijiet privati. Hu kien mar ghat-tifla l-iskola u wassalha d-dar, u sussegwentament rega mar ix-xoghol. Hu staqsieha x'kien gara lit-tifla imma kienet wisq maghluqa. Xi 5.00pm cemplulu mill-Appogg u mar mat-tifla d-Depot. Jghid li t-tifla dahlet fil-kamra ma tal-Appogg u damet xi hames sieghat. Tal-Appogg qaltilhom li qeghda tibza u li ma riditx tghid il-verita'. Sussegwentament kull meta tara van ahmar, kienet titwerwer u tidhol taht is-seat. Kienu jsaqsuha ghaliex kienet qed taghmel hekk imma Omissis kienet izomm go fiha. Wara kienu saru jafu li l-appellant kien heddida illi jekk tghid xi haga jtajjar lil ohtha bil-van. Spjega illi d-dettalji sar jafhom mid-djarju t' Omissis. Jghid li d-djarju kienet sabitu l-mara tieghu u kienu rawh flimkien u d-dettalji kienu tat-twerwir ghax Omissis kienet nizlet kollox ta'xkien ghamlilha l-appellant. Sussegwentament martu regghet poggiet id-djarju f'postu sabiex Omissis ma tindunax li qrawh. Minn hemmhekk marru ghand Dr Cassar u bdew is-sessjonijiet. Meta tispicca s-sessjoni, Dr Cassar kien jigbidlu l-attenzjoni sabiex jiehu hsiebha ghax qed ikollha *flashbacks* u dawn l-ahhar sentejn bhala genituri kienu spiccaw erbgha u ghoxrin (24) siegha maghha. Jghid li d-djarju kienu sabuh filghaxija u t-tifla kellha anke djarji ohrajn. Kienu ghaddew dawn l-affarijiet meta kitbitu u Omissis kienet kitbet ukoll li ma thossiex tajba u kienet qed tahseb sabiex taghmel suwicidju. Jghid li fil-prezent Omissis kienet ghadha taht il-kura ta' Dr Cassar u kienet qed taghmel kors tan-nursing. Jghid li wara dan l-incident jista' jkun li kien hemm perjodu zghir li Omissis baqghet tmur l-iskola bit-transport, izda mbghad dejjem wassalha u gabha lura d-dar hu.

[31] Fol. 123 et seq tal-process.

In kontro-ezami qal li hu kien qara d-djarju u Omissis kienet saret taf biss ricenti li hu u l-mara tieghu kienu sabuh u qrawh. Id-djarju kien fih dawn id-dettalji biss. Hu ma regax iccekja dwar dan id-djarju u dan stante li Omissis kienet diga taht kura ta' psikjatra u psychologist. Jghid li l-psychologist bl-isem ta' Charmaine kellha tinbidel ma xi hadd iehor ghax b'dak li rat fid-djarju twerwret. Jghid li l-ewwel rapport kien sar fl-2006 u t-tieni rapport kien sar madwar sentejn qabel. Hu jghid li meta sabu d-djarju halla kollox f'idejn Dr Joe Cassar, qalulu li sabu d-djarju u ha hsieb kollox hu. Jghid li hu u l-mara tieghu bdew jihduha ghand Dr Cassar wara li bdew jaghtuha l-fits. Jghid li d-djarju ppruvaw ifittxuh izda ma sabuhx u meta Omissis saret taf li huma jafu bih u raw, hija qalet li kienet taghmlu bhala terapija u harqitu. Hu jghid li ma jafx jekk kienitx harqitu fuq parir ta' xi hadd. Jghid li jekk kellu annu fuqu dan id-djarju hu ma kienx ta' kaz. Hu jghid li ma kienx saqsa lil martu fejn kienet sabet id-djarju u dan tal-ahhar ma kienx jissakkar.

**<u>L-Ispettur Paula Ciantar</u>**[32] xehedet nhar it-13 ta' Lulju, 2016 fejn qalet li giet assenjata l-kaz wara li l-Ispettur Sylvana Briffa rrezenjat. L-investigazzjoni l-bicca l-kbira diga kienet saret u kienet anke harget il-konkluzjoni tal-inkjesta.

**<u>L-Ispettur Raymond Aquilina</u>**[33] xehed nhar l-4 t' Ottubru, 2016 fejn qal li gharaf lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti minkejja li kien differenti u spjega li lura f'2 ta' Gunju, 2006 kien hemm rapport min-naha tal-Agenzija Appogg fejn gie kkomunikat lill-pulizija rigward minuri ta' disa' snin Omissis. Wara li tkellmu maghha kienet taghthom deskrizzjoni ta' x'kien qed jigri meta kienet tkun fuq il-bus. Jghid li kienu kellmuha pulizija nisa li kienu mieghu dak iz-zmien. Dejjem kienu kellmuha fil-prezenza tas-social worker Remelda Grech. Omissis kienet qalet illi meta l-appellant kien iwassalha id-dar kien missha bil-pala t'idejh miftuha fuq il-parti ta' fuq ta'gisimha. Hu jghid li dak iz-zmien hu kien stazzjonat il-Vice-Squad. Jghid li hu kien kellem lill-imghallem tal-appellant sabiex jistabilixxi jekk kienx hemm xi rapporti sussegwenti u kien kellem ukoll il-headmaster u l-Assistant Head tal-iskola sabiex jara

32 Fol. 139 et seq tal-process.
33 Fol. 163 et seq tal-process.

kienx hemm xi rapporti u kien hemm rapport wiehed ta'studenta iktar kbira fl-eta' pero ma kienitx tat hafna spjegazzjoni din l-istess studenta. Din tal-ahhar allegat illi l-appellant beda juza kliem baxx fil-prezenza tal-minuri. Kien tkellem ma genitur li jahseb li fil-prezent kien ex-pulizija li kellu zewgt itfal jirkbu fuq l-istess van u dan ma kienx tah indikazzjoni li t-tfal tieghu qatt allegaw xi tip t'abbuz jew xi tip ta' mgieba min-naha tal-appellant.

In konrto-ezami mistoqsi min mill-pulizija tieghu kien kellem lil Omissis hu qal li jekk ma kienx sejjer zball kienet il-Maggur Josephine dak iz-zmien pero' mhux cert, izda min kellimha dejjem kellimha fil-prezenza tas-social worker Remelda Grech.

L-Ispettur Aquilina[34] rega' xehed in kontro-ezami nhar is-6 ta' Frar, 2018. Fejn qal li ma jiftakarx li kien talab li ssir inkjesta. Jghid illi mill-provi li kellu dakinhar, hu kien ikkonsulta mal-Avukat Generali u dan tal-ahhar ma rax li kien hemm *secure conviction*. Jghid ukoll li kien ikkonsulta mas-superjuri tieghu. Hu jtenni li ma jiftakarx x'kien id-diskors mal-familjari t' Omissis, izda b'certezza jista' jghid illi hu kien ikkomunika l-konkluzjonijiet tieghu maghhom u mas-*social worker*. Jghid li dak iz-zmien ma kellux allegazzjonijiet ta' stupru. Jghid li dak iz-zmien bil-mod tar-rapport li ghamlet it-tifla ma kellu xejn x'jippreserva. Jghid li kien saqsa pulizija li kellu t-tfal jirkbu l-istess van jekk kienux ressqu xi lmenti mieghu u dan kien wiegbu fin-negattiv. Hu qal li anke tkellem ma' sid il-van u dan kien qallu li qatt ma kellu lmenti f'dan is-sens. Kien qallu wkoll illi normalment kien ikun l-appellant li jigbor it-tfal mill-iskola wara nofs inhar. Jghid li l-appellant kellu tragitti ohrajn li ried jaghmel izda hu ma qadx jidhol fihom minn hin sa hin.

L-Ispettur Aquilna[35] rega' xehed nhar is-27 ta' Frar, 2018 u qal li xtaq jikkoregi lilu nnifsu ghax hu kien ikkonsulta mas-superjuri tieghu u d-decizjoni kienet baqghet fuq dak li kien irrakomanda hum u l-fajl gie maghluq min-naha tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar. Mill-investigazzjoni li ghamel il-konkluzjonijiet kienu

[34] Fol. 272 et seq tal-process.
[35] Fol. 285 et seq tal-process.

inkonklussivi. Dak iz-zmien ma kienx hemm certezza min-naha tal-minuri u nformazzjoni ulterjuri li kien gab vis-a-vis l-allegazzjoni li kien gab bdew juruh differenti bhal meta kellem lis-Surgent u cioe' Omissis 7 li kellu zewgt itfal jirkbu mal-istess van.

In ri-ezami jghid li ma kienx involut mill-gdid f'dawn l-investigazzjonijiet u zviluppi sussegwenti li kienu saru hu ma kienx assolutament edott minnhom

**Sue Anne Beiruty**[36] xehedet nhar il-15 ta' Novembru, 2016 fejn qalet illi Omissis giet referuta lilha minn Dr Joe Cassar u hi essesjata ghal madwar zewg jew tlett sessjonijiet qabel waqfet. Sussegwentament regghet giet *referred* lilha f' Jannar 2015. Is-sessjonijiet komplew ghal madwar zewg jew tlett sessjonijiet fix-xahar sa 6 ta' Novembru, 2016 meta Dr Cassar kien infurmaha illi l-pazjenta talbet li twaqqaf it-trattament psikologiku. Mistoqsija mill-Qorti , hija ccarat illi hija *psychologist assistant*. Sa mill-bidu Omissis giet diagnosed *b'emotional unstable personality disorder* li hija komuni hafna f'pazjenti li kienu abbuzati. It-tieni parti tad-dijanjosi kienet tal-*pseudo seizures*. Tghid li per ezempju Omissis kienet qaltilha li darba minnhom f' Tas-Sliema rat persuna li tixbah lill-appellant u taghha *pseudo seizure*. Darba ohra harget ma shabha u spiccat go van u hemmhekk ukoll taghha *psuedo seizure*. Tghid li Omissis tevita l-vanijiet akkost ta' kollox u dan ghaliex l-abbuz kien sar go van. Tghid li t-testimonjanza quddiem din il-Qorti wkoll waslet ghal *pseudo seizures* u xi gimgha qabel xehedet, Omissis giet f'kuntatt, permezz tax-xoghol taghha, ma minuri ta' madwar tlieta jew erba' snin li wkoll ghaddiet minn abbuz sesswali u spiccat ghaddiet minn *pseudo seizures*. Anke jekk tkun *over-worked* kient tghaddi minn *pseudo seizures*. Tghid li pazjenta li jkollha l-proceduri l-qorti ghaddejin, ma tistrihx qabel jinghalaq il-kaz. Il-frekwenza u n-numru ta' seizures li Omissis kien ikollha gieli kienu jkunu hafna drabi matul il-gurnata jew darba kull tant gimghat, jiddependi skond minn xiex tkun ghaddeja. Mistoqsija x'kienet il-kawza ta' dan kollu, hija qalet li trauma. Hija qalet illi l-*psycho social stressors* ta' x'gara fit-tfulija taghha hemm *correlation* sinifikanti ghal *pseudo seizures*. Tghid li Omissis ghaddiet minn stupru li gara matul gimgha u li

[36] Fol. 177 et seq tal-process.

kien sar mix-xufier taghha bl-isem ta' James Grech. Dan kien sar f'van go post li Omissis ma kienitx taf fejn hu.

**<u>Remelda Borg Grech</u>**[37] xehedet nhar il-15 ta' Novembru, 2016 fejn qalet illi nhar it-2 ta' Gunju, 2006, l-Agenzija Appogg, fejn hi kienet qed tahdem, ircieva telefonata minghand Omissis 2 illi huwa missier Omissis, fejn spjega illi t-tifla kienet qalet lis-soru illi l-*bus driver* taghha James kien qiegehd imissilha l-partijiet privati taghha. Xehdet illi s-soru kienet rceviet anke rapporti ohra rigward dan ix-xufier minghand tfal ohrajn. Omissis 2 kien qalilhom illi kien innota l-imgieba tat-tifla tinbidel ghal dawn l-ahhar tlett gimghat, kienet qed tigi mill-iskola mdejqa u rasha tugghaha u kienet qaltilhom li x-xufier beda jiffitaha, madankollu qatt ma qaltilhom x'gara u ma garax. Infatti tghid li kienu qalulha sabiex toqghod fuq wara u mhux fuq quddiem. Omissis 2 kien qalilhom li x-xufier kien iwassal lil Omissis l-ahhar wahda minn van shih. Huma kienu ghamlu kuntatt mas-Sister fejn dakinhar qaltilhom li kienet irceviet ilment minghand grupp ta' tfal, fosthom Omissis, li x-xufier joqghod jiffitahom. Omissis ziedet tghid li x-xufier kien messilha l-partijiet privati taghha. Is-soru ziedet tghid li l-gimgha ta' qabel kien hemm ilment mit-tfal tas-Sekondarja li dan ix-xufier kien qed jiccajta goff maz-zghar. Is-Soru kienet infurmat b'dak li qalet Omissis lil Omissis 2. Apparentament kienet qaltilhom li x-xufier stess kien mar ikellimha u qalilha li l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fuqu mhux minnhom. Kienu tkellmu mal-Ispettur Raymond Aquilina li kien assenjat il-Vice-Squad u ltaqghu kemm ma Omissis u anke Omissis 2. Dan tal-ahhar kien qal ukoll illi x-xufier kien mar id-dar tieghu w qalilhom li minn dak li kienu qed jghidu hu ma ghamel xejn. Omissis kienet qaltilhom illi hija kienet tpoggi fuq quddiem, izda darba semghet lill-appellant jhedded lil xi hadd fuq il-mobile u bdiet toqghod fit-tielet filliera minn wara. Omissis kienet spjegat illi hi kienet titla fil-van ma tfal ohra u l-appellant kien imur hdejha u jmissilha l-partijiet privati taghha. Omissis kienet indikatilhom x'inhuma l-partijiet privati taghha u qaltilhom li x-xufier kien imiss biss il-parti ta' fuq. Meta staqsewa jekk il-parti ta' fuq kienitx tinkludi c-chest, Omissis kienet qalet li le. Omissis kienet qaltilhom li hi kienet timbutah bil-minkeb u kien jitlaq. Omissis kienet qaltilhom ukoll li ma

[37] Fol. 186 et seq tal-process.

kienx iwaqqaf il-van meta kien iwassalha. Is-Sur Aquilina kien kellem ukoll lill-Assistant Head tal-iskola Sekondarja u din kienet qaltlu li vera kien hemm xi tfajliet li kienu kellmuha u qalulha li l-*bus driver* kien qed jinki lit-tfal. F'Lulju hi kienet tkellmet mas-Sur Aquilina u ma kienx cert kif kellu jmexxi minhabba dak li qalet it-tifla. F'Lulju kienet tkellmet m'Omissis 2 u dan tal-ahhar infurmaha li l-appellant ma baqax imur ghat-tfal u l-Ispettur ukoll kien avza lill-appellant sabiex ma jmurx iktar fejn id-dar t' Omissis u lanqas fejn l-iskola. Dakinhar waqt id-diskussjoni li kellha m'Omissis 2 kien qalilha li t-tifla kienet qisha nesiet kollox, tidher li kkalmat u li ma kienx hemm bzonn li jibqghu jsegwu l-kaz. Minn hemmhekk il-kaz inghalaq min-naha tas-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal. Mistoqsija dwar il-komportament t'Omissis, hija tghid li peress li ghaddew ghaxar snin ma tantx tiftakar. Murija t-tpingija a fol. 98, hija qalet illi qed taghraf il-kitba taghha u li kienet xi haga li kienu jaghmlu meta t-tifla ma tkunx qed tispjega kienu jpingu u jsaqsuha tindikalhom biex ikunu jistghu aktar ahjar forsi tkun skomda titkellem allura jsaqsuha tindika biex forsi jkunu iktar cari dwar dak li qed tghid. Gharfet il-kitba taghha u li dawn kienu notamenti li kienet hadet hi waqt illi kienet qeghda fl-ufficju.

Remelda Borg Grech[38] xehedet in kontro-ezami nhar il-5 ta' Gunju, 2018 fejn qalet illi huma kienu semghu x-xhieda tat-tifla, u din tal-ahhar qalet li qalet u ma kienx hemm dettall esplicitu hafna. Qalet illi t-tifla kienet *shaken* jigifieri li xi haga kien gara. Mistoqsija kemm damu jkellmu lit-tifla, hija wiegbet li jiehdu l-hin taghhom, pero' zgur li ma kienitx xi haga ta' milghajr. Qalet li ma tistax tikkonferma li hija u l-Ispettur kienu kellmu lil Omissis 2. Dan ma kienx kaz socjali, u hi kienet prezenti biss sakemm intervistaw lit-tifla d-depot u ghalhekk it-tifla ma regghetx ratha. Hija assigurat li t-tifla kellha s-sapport mehtieg, ikkomunikat m' Omissis 2 u sussegwentament ghalqet il-kaz.

**<u>Sister Marisa Vella</u>**[39] xehedet nhar il-31 ta' Jannar, 2017, fejn qalet li fl-2006 kienet Assistant Head fl-iskola fejn kienet tattendi Omissis. Hija tiftakar lil Omissis fil-

---

38 Fol. 295 et seq tal-process.
39 Fol. 200 et seq tal-process.

Primarja u tiftakar li kienet tuza t-transport. Tghid li kienu baghtu ghaliha d-Depot tal-pulizija xi sena u nofs qabel u meta wrewha karta li kienet iffirmat fl-2006, qalet li kienet nesiet li ffirmata. Tghid li l-pulizija saqsewa tiftakarx il-kaz u hija qalet li le. Gharfet il-firma taghha u daqshekk. Qalet ukoll li x-xufier James ma tiftakrux.

**Omissis 3**[40] xehedet nhar il-31 ta' Jannar, 2017 fejn qalet illi hija ghandha ghoxrin sena u tahdem fl-accounts u li kienet tmur l-istess skola fejn kienet tmur Omissis, kemm skola Primarja u anke Sekondarja. Tghid li mit-2007 sa 2012 hija kienet tattendi l-iskola Sekondarja. Tghid li Omissis kienet fil-van maghha meta kienet primarja. Tghid li hija sena ikbar minn Omissis u din tal-ahhar kienet fil-van maghha minn Year 1 sa Year 5. Ix-xufier li kien iwassalha lejn l-iskola u li kien jigborha mill-iskola kien ikun differeneti. Tghid li ix-xufier li jigu mieghu mill-iskola kull sena kien jinbidel. Mistoqsija jekk kienx hemm xi sena fejn kien hemm problema ma xufier partikolari, wiegbet li meta hi kienet Year 5 u x-xufier kien James. Omissis kienet titla' maghha dak iz-zmien fil-van u din kienet l-ahhar sena li din tal-ahhar kienet maghha fil-van. Tghid li hi qatt ma kellha problemi ma James, madankollu darba ommha saqsietha b'mod dirett jekk qattx kellha problemi mieghu ghax kien hemm xi rapporti fuqu. Ir-rapporti fuq James kien li kellu certu atteggjament ma Omissis u ommha kienet saqsitha jekk qattx irreagixxa bl-istess mod lejha u hi kienet wegbitha le. Hi bhala xufier kienet tarah differenti minn dak li kien iwassalhom filghodu, kienet tarah b'certu kunfidenzi. Hi tghid li kienet tpoggi fuq is-seat ta' warajh u kien jaqbad is-saqajn. Darba minnhom kien hadilha z-zarbuna u tefahilha barra mit-tieqa. Darba minnhom Omissis kienet bilqeghda hdejh quddiem u qabdet l-isteering. Mistoqsija ghaliex kienet ghamlet hekk, hija qalet li ma kienitx taf u mistoqsija jekk Omissis kienitx qaltlu xi haga meta qabdet l-isteering tghid li ma tiftakarx. Darba kienet fis-seat ta' warajh u peress li l-van kien qisu coach, is-seat tax-xufier kien jigi iktar baxx minn taghha, jigifieri jekk idawwar idu minn wara s-seat, kien jaqbad l-gharqub tas-sieq u mhux darba jew tnejn kien jaghmilha. Darba minnhom tiftakar li kien vera urtaha, baqa' jaqbad maghha gurnata wara ohra u kienet ppruvat tmur bilqeghda fuq is-seat ta' wara l-passigier, u b'idejh l-ohra mbghad mess aktar il-fuq mill-gharqub.

[40] Fol. 206 et seq tal-process.

Tghid li wara li telqet mill-iskola fl-2012, hi u Omissis baqghu in kuntatt u kienu ltaqghu go gnien in-Naxxar u kienet qaltilha li darba minnhom James kien hadha go ghalqa partikolari u kien messha. Dak il-hin Omissis bdiet tibki u hi ma hassitix f'postha ssaqsiha ghal aktar dettalji. Tghid li hi tahseb li kellha dsatax-il sena meta Omissis qaltilha b'dan kollu. Tghid li Omissis kienet tinzel warajha mill-van u meta tinzel hi kien ikun jonqos xi hamest itfal li hu kellu jwassal u dawn kollha kienu jghixu lejn l-inhawi t' Omissis. Ghalhekk hija kkonfermat li ma kienitx taf min jinzel l-ahhar ghax hi kienet tinzel qabilhom. Tghid li fil-prezent kienet ghadha f'kuntatt m' Omissis via Facebook u gieli jiltaqghu jiehdu kafe'. Iddiskrevit illi bhala uniformi kellhom dublett, qmis u pullover. Il-P.E. kit kienet tikkonsisti fi trousers jew shorts, t-shirt jew polo-neck u gakketta. Hija gharfet lill-appellant bhala James ix-xufier

In kontro-ezami, mistoqsija jekk din il-verzjoni qattx taghta lill-pulizija, hija wiegbet fl-affermattiv. Hi tghid li hadd ma talabha sabiex tixhed. Tghid li omm Omissis kienet titkellem ma ommha imma mhux lilha. Hija kkonfermat illi barra l-awla Omissis ma qaltilix sabiex tghid xi haga li mhux minnha.

**Joanna Gatt**[41] xehedet nhar il-31 ta' Jannar, 2017 fejn qalghet illi kienet head of school tal-iskola fejn kienet tmur Omissis. Tghid li din tal-ahhar ma kinitx mill-kwieti imma lanqas ma kienet it-tip li ttihom i*t-trouble*. Tghid li t-*trouble* li kienet ittiha ghaliex ma kienitx taghmel ix-xoghol. Tghid li maghha dejjem kellha relazzjoni tajba. Tghid li Omissis kienet tuza l-van ghall-iskola u anke sabiex tmur id-dar. Taf li wara spiccat mill-iskola Omissis baqghet in kuntatt mal-councellor izda ghaliex ma tafx. Hi qalet li ma tiftakarx xi lment dwar xi xufier partikolari. Tghid li kienu baghtu ghaliha l-pulizija ghaliex Omissis allegat li kien hemm xi hadd fit-trasport li abbuza minnha. Tghid li hi saret taf dan kollu minghand haddiehor

**Charmaine Dalli**[42] xehedet nhar il-21 ta' Marzu, 2017 fejn qalet illi tifforma parti mit-team ta' Dr Joe Cassar bhala psikologa u kienet ilha sa mis-sena 2012. Tghid li kienet

[41] Fol. 218 et seq tal-process.
[42] Fol. 230 et seq tal-process.

tara lil Omissis bhala klijenta taghha. Ir-riferta minn Dr Joe Cassar kienet ghaliex Omissis kellha *pseudo seizures* li huma parti minn *conversion disorder* li biha kienet giet *diagnosed*. Kellha wkoll dijanjosi ta' *post-traumatic stress disorder*. Tghid li kellha diffikultajiet relatati ma *self-harm* u kienet ghaddiet ukoll minn esperjenzi difficli fit-trobbija taghha meta kienet ghadha zghira. Tghid li Omissis kienet qaltilha li kellha esperjenza negattiva t' abbuz sesswali mix-xufier tal-iskola. Tghid li ma kienitx dahlet f'dettal. Fis-sessjonijiet kienu qed jiffukaw fuq *coping skills* stante id-diffikultajiet li kienet qeghda ghaddeja minnhom. Dawn is-sezzjonijiet kienu waqfu ghal ragunijiet personali taghha u f'dak il-punt kien gie deciz mit-team taghhom li Omissis kellha tieqaf minn dawn is-sessjonijiet ghax kienet ghaddeja minn iktar diffikultajiet ta' *self-harm* li riedu jigu kkurati l-ewwel u qabel kollox. Tghid li Omissis kienet giet bid-djarju taghha f'zewg sessjonijiet u fih kienet tikteb l-esperjenzi li kienet tallega li ghaddiet minnhom. Omissis kienet qrat xi whud minn dawn l-*entries* lilha ghaliex xtaqet taqsam dak li ghaddiet minnu ma xi hadd. Tghid li d-djarju hi kienet ratu imma ma tafx kif kien. Tghid li d-djarju dejjem baqa' ghand Omissis u hi qatt ma missitu. Qalet illi ma tiftakarx jekk xi hadd kienx jaf bih dan id-djarju. Ikklarifikat li s-sessjonijiet maghha kienu waqfu fuq kwistjoni ta' prijoritajiet ghaliex Omissis kellha bzonn tidhol l-isptar qabel ma jkunu jistghu jahdmu fuq esperjenzi tal-passat. Fil-prezent ma kelliex kuntatt m'Omissis. Mistoqsija jekk il-kwistjoni tad-djarju kelliex xi mpatt fuq id-decizjoni jekk tkomplix jew le bis-sessjonijiet, hija wiegbet fin-negattiv.

**Carmen Sammut**[43] xehedet nhar il-21 ta' Marzu, 2017 fejn qalet illi hija kienet giet mahtura mill-Magistrat Doreen Clarke fl-2015 u kienet prezentat ir-rapport taghha. Murija Dok. Cs1 a fol. 50 tal-process hija kkonfermat il-kontenut tieghu u gharfet il-firma taghha.

**L-appellant James Grech**[44] xehed nhar id-9 t' Ottubru, 2018 fejn qal illi fl-2006 hu kien jahdem am Silverstar Garage ma Rennie Zammit u kien isuq Minibus IMY 336. Jghid li filghodu kellu skejjel mod u filghaxija iehor. Jghid li f'1.15pm it-tfal kienu jispiccaw

[43] Fol. 236 et seq tal-process.
[44] Fol. 304 et seq tal-process.

mill-iskola fil-Gzira. Kellu madwar ghoxrin (20) u tnejn u ghoxrin (22) tfal u kien iwassalhom bieb, bieb u l-vjagg kien Naxxar, Birguma, Bahar ic-Caghaq u Mosta. Jghid li wara mhux dejjem l-istess imma gieli kellu d-*day centre* tal-anzjani u warajh kien jaghmel Mosta Primary u wara l-ahhar vjagg kien St Michael School. Jghid li sabiex jaghmel dan il-vjagg tal -iskola tal-Gzira kien jasal ezatt jew hames minuti tard id-Day Centre. It-tfal li kien jghabbi kellhom tmien snin, ghaxra u tnax-il sena. Jghid li hu hajtu kollha jahdem fit-trasport, u cioe' minn meta kellu tmintax-il sena sal-lum. Jghid li apparti dan il-kaz qas qatt ma kellu problema. Jghid li ghamel madwar erba' snin jahdem mas-Silverstar. Spjega li qatt ma kellu problemi ma skejjel. Jghid li darba bil-lejl gie msejjah mill-pulizija u cioe' mill-Ispettur Aquilina u kien interrogah dwar li kien mess sider tifla li kien ikollu mieghu fil-van. Jghid li hu cahad ghax dawn l-affarijiet qatt ma ghamilhom u mhux bi hsiebu jaghmilhom. Kien tah il-*police bail* sakemm l-Ispettur kompla bl-investigazzjonijiet tieghu u mbghad rega' baghat ghalih u qallu li seta' jkompli b'xogholu ghax kien waqaf mill-iskola sakemm rega' kellmu l-Ispettur. Kien mar anke jkellem is-soru u qalilha li dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx u li kieku jitlob lill-Madonna tahraqlu idejh. Jghid li s-soru kienet l-istess wahda li xehedet quddiem l-Ewwel Qorti. Jghid li din it-tifla li allegat hekk jaf min hi u cioe' Omissis. Jghid li quddiem il-bieb t' Omissis anke kien iwaqqaf xi tfal ohra. Jghid li qatt ma wassalha l-ahhar. Darba mar iwassal xi tfal u nzerta lil Omissis 1 fil-bieb u qalilha ghaliex kien inqala dan kollu meta hu dawn l-affarijiet qatt ma ghamilhom u t-tifla taghha qatt ma ghamlilha xejn. Ma jiftakarx x'qaltlu, izda telaq u kompla b'xogholu. Jghid li mar ikellimha ghax hu qatt ma ghamilhom dawn l-affarijiet u minn dak iz-zmien 'l hawn hajtu ma ghadiex li kienet. Jghid li dak iz-zmien hu diga kien missier ta' tifla ta' sena. Jghid li Omissis kienet naqra mqarba u daqqa' riedet tpoggi fuq dan is-seat u daqqa' fuq iehor. Jghid li kemm-il darba sikkitha biex toqghod bilqeghda. Jghid li t-tfal ta' pulzija kienu jpoggu hdejn xulxin hdejh quddiem. Omissis kienet tpoggi wkoll quddiem jew vicin hafna ta' quddiem mhux fuq wara. Il-bqija kienet dejjem tbiddel is-seats. Jghid li t-tfal gieli qabdu mieghu ghaliex sakemm kien qed ikun jistennihom jorqod. Mistoqsi li kien gie allegat illi kien jghidilhom kliem doppju sens u hafna paroli minn dan, hu wiegeb fin-negattiv. Jghid li meta kien jikkoregi lil Omissis din kienet ma tkellmux jew tberraqlu. Jghid li ma jiftakarx li kien jghabbi

mieghu fil-van lil oht Omissis. Jghid li qatt ma ha lil Omissis fl-ghelieqi u din tal-ahhar qatt ma nizlet l-ahhar wahda u lanqas wahidha. Jghid li madwar disa' snin wara kien l-Ingriterra u cemplitlu t-tfajla li kien hemm sitt CID jistennewh. Jghid li kf gie bil-Catamaran, hu baqa' sejjer id-depot. Hu jghid li gieli kien taptpilha fuq spallejha ghaliex ma kienitx tobdi.

In kontro-ezami jghid li dak iz-zmien hu bhala xufier ma kellux unifromi imma bhala xufier l-uniformi tieghu qmis celest u qalziet blu. Jghid li generalment jilbes cinturin. Dak iz-zmien jghid li ma kienx ikollu xi haga fuq id-dashboard u qas ma kien jattih b'xuguman. Hu baqa' jghid illi Omissis qatt ma wassalha l-ahhar wahda u waheda. Izda mbgahd kompla sabiex qal illi jekk ta' warajha ma jigux skola, jista' jkun li tinzel l-ahhar persuna. Jghid li l-incident fejn Omissis 1 qaltlu sabiex ma jaghtix iktar helu lil Omissis ma jiftakrux. X'qaltlu s-soru jghid li ma jiftakarx. Konfrontat bil-kliem li xehedet Omissis 1 jghid li ma jiftakarhomx dawn l-affarijiet. Sussegwentament jghid li dak li kienet qed tghid Omissis 1 u cioe' li meta baghat ghalih l-Ispettur u kellmitu s-soru, hu mar ihabbtilhom id-dar, qal li mhux minnu. Mistosqi jiftakarx lil Omissis 3 jghid li le. Rinfaccat b'dak li qalet Omissis 3 u cioe' li kellu l-kunfidenzi, huwa jinnega dan. Jghid li ma kien jitkellem doppju sens ma hadd u ghalih ticcajta mhux kunfidenza. Jghid li kienet ittella' saqajha mas-seat kien jghidilha sabiex tnizzila ghal aktar minn darba, ma jfissirx li kien missilha. Jghid ukoll li mhux minnu li waddab iz-zarbuna t' Omissis 3 barra mit-tieqa. Spjega li Omissis ghamlet xi zmien riedet tpoggi quddiem, hdejh u hu kien kellem lil ommha dwar dan. Omissis riedet iddur wara sabiex tkellem lil shabha u gibditlu l-isteering u minn dakinhar ma hallijiex tpoggi iktar quddiem. Hu rinfaccat bl-istorja t' Omissis u kif fil-prezent tbati anki minn *pseudo-seizures* frott tal-abbuz sesswali li ghaddiet minnu, hu jghid li din hija kollha gidba. Mistoqsi ghala tifla ghandha jtuha *seizures* meta tara van ahmar, jghid li ma ghandux idea. Rinfaccat bil-konkluzjonijiet tal-esperta Carmen Sammut jghid ukoll li ma jaqbilx maghhom. Jghid li r-rotta t'Omissis baqa' jaghmilha ghal xi zmien sakemm telaq minn mas-Silverstar. Qal li mhux minnu li l-iskola tawh rotta ohra, izda l-imghallem kien tah rotta ohra sakemm dam sospiz mill-iskola. Jghid li Omissis, Omissis 1 u Omissis 3 kollha qed jigdbu. Jghid dak li qal Joe Cassar ghalih ma garax

ghax hu ma ghamlux. Meta rega gie rinfaccat bil-konkluzjonijiet tal-esperta psikologika Carmen Sammut fejn intqal lilu li l-konkluzjonijiet zbaljati ghaliex hu ma ghamel xejn, hu rega' sostna li dawk l-affarijiet m'ghamilhomx. Jghid li l-partner tieghu telqitu ghax hajtu gabitilu mizerja Omissis. Mistoqsi jekk minhabba din il-mizerja li dahal go fiha kellux ifittex xi kura minghand xi hadd, wiegeb li kien sejjer l-Appogg, sab hafna nies u rega' telaq lura.

**<u>Rennie Zammit</u>**[45] xehed nhar is-6 ta' Novembru, 2018 fejn qal li ghandu kumpanija tat-trasport u cioe' mini-buses u coaches. Spjega illi l-appellant kien jahdem mieghu snin ilu. Jghid li l-appellant kellu rotta tal-iskola fejn kienet tmur Omissis u kien iwassal lit-tfal filghaxija. Jghid li kien baghtah ghalih Spettur ragel izda nesa x'kien saqsih. Jghid li lmenti fuq l-appellant qatt ma kellu minghand hadd. Jghid li kien ghamel xi zmien fejn l-appellant kien waqaf mir-rotta ghal xi hmistax (15) -il gurnata ghaliex kien qallu l-Ispettur. Jghid li minghalih din it-tifla kienet toqghod lejn is-Sghajtar. Jghid li wara n-Naxxar kien hemm il-Mosta ghax huma anke kellhom xi xoghol mill—Mosta. Jghid li kien kellem lil Omissis 4 li kellha zewgt itfal jmorru l-istess skola u kienu joqghodu s-Sghajtar ukoll. It-tfal kien jisimhom Omissis 5 u Omissis 6. Hu kien saqsa lil Omissis 4 li kienet marret ghand ommu ghax kienu girien u kien saqsiha jekk ulieda kienux jafu xi haga dwar li allegatament l-appellant mess tifla. It-tfal qalu li zgur ma ghamilx hekk. Ir-ragel ta' Omissis 4 kien Omissis 7 u kien pulizija.

In kontro-ezami qal li ma jafx ezatt kemm dam jahdem mieghu l-appellant u kien jahdem fuq bazi full-time. Jghid li hu ma kienx ikun mieghu pero' ir-rotta l-Mosta kienet tispicca. Meta kien kellem lil Omissis 4 fil-prezenza tat-tfal taghha, kien meta kien baghat ghalih l-Ispettur. Jghid li Omissis 4 kienu joqghodu hdejn ommu. Mistoqsi ghaliex kien waqaf jahdem mieghu l-appellant, jghid li ma jafx u nesa, ma jafx kienx sab xoghol iehor. Mistoqsi jekk kellux il-licenzja wieqfa ghax haddem nies illi kienu mnizzla fuq ir-registru tal-pedofli, huwa qal li ma kienx jaf biha din.

---

[45] Fol. 337 et seq tal-process

**Omissis 7**[46] xehed nhar l-20 ta' Novembru, 2018 fejn qal li uliedu kienu jattendu l-istess skola t' Omissis u kienu jmorru l-iskola bil-mini-bus. Mistoqsi fejn kienu joqghodu dak iz-zmien, hu wiegeb Sghajtar Naxxar. Jghid li l-appellant kultant kien ix-xufier li kien iwassal lit-tfal tieghu l-iskola. Jghid li filghodu kien jigi ghalihom madwar 06.40 u filghaxija jahseb xi 3.00. Spjega li kien baghat ghalih l-Ispettur Aquilina u kien qallu li x-xufier tat-tfal kien hemm allegazzjoni li messilha saqajn tifla u jidirlu li ommha kienet marret taghmel rapport. Hu kien staqsa lit-tfal tieghu u qalulu '*Ahna qatt ma rajna dawn l-affarijiet. Anzi wiehed mill-ahjar xufiera li kellna.*'

In kontro-ezami  jghid lil-appellant kien iwassal lit-tfal tieghu quddiem id-dar u ma kienux ikunu tal-ahhar. Qal li hu lit-tifla z-zghira tieghu kien jara bilqeghda quddiem fil-van meta kien johrog jitawwal.

**Omissis 4**[47] xehedet nhar l-20 ta' Novembru, 2018 fejn qalet illi ghandha zewgt ibniet u kienu jmorru l-istess skola fejn kienet tmur Omissis u kienu jmorru bit-trasport. Ikkonfermat li l-appellant kien wiehed mix-xufiera. Qabel l-iskola kien jigi kieni xi 7. 30 u jgibhom lura xi 2.00/2.30. Tghid li lilha ma kien kellimha hadd u t-tfal taghha qatt ma qalulha xejn fuq i-xufier, anzi kienu jmorru u jigu lura kuntenti. Meta kien iwassalhom lura kien ghad ikun hemm it-tfal fil-van.

**Omissis 5**[48] xehedet nhar it-12 ta' Frar, 2019 fejn qalet illi hija ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena, kienet tmur l-istess skola fejn kienet tmur Omissis u kienu jmorru u jigu bil-van. Tghid ix-xufier ta' filghodu ma kienitx taf x'jismu, izda filghaxija kien jigi ghalihom l-appellant. Hija gharfitu quddiem l-Ewwel Qorti. Kienet toqghod in-Naxxar u kienet tinzel fin-nofs tal-vjagg. Spjegat illi hi qatt ma rat ghajn hazina mil-appellant u gieli kienet toqghod quddiem hdejh u tkellmu normali. Tghid li gieli kienet tpoggi quddiem u gieli wara, skont fejn ikun hemm post. Semmiet lil ohtha u habiba taghha li kienu jirkbu maghha. Mistoqsija jekk qattx kien hemm xi problemi

---

[46] Fol. 347 et seq tal-process.
[47] Fol. 351 et seq tal-process.
[48] Fol. 356 et seq tal-process.

max-xufier ma xi tfajla li kienet tirkeb fil-van, wiegbet fin-negattiv. Tghid li ma rat u semghet xejn.

In kontro-ezami tghid li l-appellant kien ix-xufier taghhom ghal hafna snin imma ma tiftakarx jekk hux minn Form 1 sa Form 5. Tghid li lil Omissis tafha imma ma tafiex sew ghax izghar minnha mhux hazin, anke tahseb li hija izghar minn ohtha. Mistoqsija wara li kien iwassal lil u lill-ohtha ma kienitx taf x'jigri wara, hija wiegbet fin-negattiv. Tghid li hija gieli nizlet qabel u gieli wara Omissis, mhux dejjem l-istess. Tiftakar li kien ikun hemm min jinzel warajha u hi ma kienitx tkun l-ahhar wahda, izda minn sena ghal sena r-rotot jinbidlu. Qalet li Omissis gieli kienet tpoggi quddiem u gieli wara, skond fejn ikun hemm post. Mistoqsija kif kienet iggib ruhha Omissis, hija wiegbet bhal tfal normali, gieli kien ikollha xi tghid ma xi tfal li kienet taf hi imma xejn ta' barra minn hawn, forsi xi lmenti ghax gieli l-van jigi tard, kienet tilmentha ommha izda ma tiftakarx aktar.

**<u>Omissis 6</u>**[49] xehedet nhar it-12 ta' Frar, 2019 fejn qalet illi ghandha ghoxrin (20) sena u li kienet tmur l-istess skola fejn kienet tattendi Omissis, mill-Primarja sas-Sekondarja. Spjegat illi kien ikollhom zewg xufiera differenti, ta' filghodu u ta' filghaxija. Ta' filghodu qalet li ma tafx x'kien jismu, u ta' filghaxija kien jismu James li gharfitu quddiem l-Ewwel Qorti. Tghid illi dan kien jigi ghalihom normali l-iskola u jwassal lil kulhadd id-dar. Mistoqsija qattx kellha problemi mieghu, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija tafx lil Omissis, hija wiegbet fl-affermattiv. Spjegat illi Omissis kienet studenta izghar minnha, ma kienux joqghodu flimkien l-iskola izda kienet tkun fil-van ukoll. Mistoqsija fejn kienet tpoggi fil-van, wiegbet illi quddiem. Mistoqsija fejn kienet tpoggi Omissis, hija qalet li din kienet tmur tkellimha minn qabel `biex jaraw minn ser ikun l-ewwel quddiem. Xi kultant hi quddiem u xi kultant Omissis, izda din tal-ahhar l-iktar li kienet tkun fin-nofs ta' wara. Elaborat illi kienu jiggieldu min kien se joqghod quddiem minhabba r-radio. Mistoqsija jekk rigward Omissis u James kienx hemm xi problemi, hija wiegbet '*Le ma nafx'* u li qatt ma kienet rat xi haga hazina fil-van.

---

[49] Fol. 361 et seq tal-process.

In kontro-ezami, mistoqsija meta l-ahhar li rat lill-appellant hija wiegbet illi meta spiccat l-iskola fl-2014. Ikkonfermat illi hija kienet tinzel lejn nofs ir-rotta mill-van lura d-dar. Ikkonfermat illi Omissis kien ikun fadlilha l-ahhar bicca tar-rotta sabiex tasal id-dar. Tghid li hija tiftakar lill-appellant bhala x-xufier taghha fil-Form 5 u xi snin ohra. Mistoqsija tafx x'kien jismu x-xufier ta' filghodu, hija qalet li le u li ma tiftakarx. Mistoqsija kif baqghet tiftakru daqsekk lill-appellant u jekk kienx jiccajta, ikanta jew idoqq ir-radju maghhom, hija wiegbet fin-negatiiv. Mistoqsija kienx habib ta' missiera, hija wiegbet fl-affermattiv. Qalet li lilha qatt ma kellmuha l-pulizija. Lilha kienu qalulha li jaf li missierha pulizija ghax dak iz-zmien kien pulizija, imma ma tafx kif kienu hbieb.

**Joseph Saliba**[50] xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2019 fejn qal li llum il-gurnata huwa kien irtirat u li qabel kien jahdem bhala xufier. Lill-appellant jafu ghax kien jahdem bhala xufier maghhom. Hu kien jaghmel ir-rotta tat-tfal tal-iskola filghodu, fosthom tal-iskola fejn kienet tmur Omissis. Jghid li filghaxija kien jaghmel ir-rotot xi hadd iehor izda mhux dejjem l-istess. Hu jghid li ma jafx liema vjaggi kien ikollu l-appellant. Qal li hu kien jigbor it-tfal filghodu u kienu jiehdu posthom u jkunu nofshom reqdin. Mistoqsi kienx jaf lil Omissis, hu qal li kellu idea taghha. Jghid li kienet titla mieghu u anke ohta u kienet tifla bhall-ohrajn. Hu qatt ma kellu problemi ma dawn it-tfal. Dwar l-appellant huwa qal li jafu bhala ragel sew li dejjem hadem u stinka u ghamel xogholu. Jghid li zgur ma kienx jghabbiha l-ewwel wahda u ma jafx hux is-seba' wahda. Qal li l-pulizija lilu qatt ma kienu kellmuh.

In kontro-ezami huwa qal li kienu jkunu xufiera wahedhom u gieli ghabba xi ghalliema izda ma kienx ikollhom supervisor. Mistoqsi jekk filghaxija kienx ikollhom xi supervisor jew xi hadd, huwa wiegeb li ma jahsibx ghax hadd ma kien ikollhom supervisor meta t-tfal ikunu naqra kbar.

Ikkunsidrat,

---

[50] Fol. 373 et seq tal-process.

Illi preliminarjament, din il-Qorti sejra tibda billi tippronunzja ruhha dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni li tqajjmet mill-appellant matul it-trattazjoni tal-appell tieghu. Ghalkemm din ma ssemmiet imkien fir-rikors tal-appell tal-appellant, din hija kwistjoni li tista' titqajjem ex-officio u ghalhekk din il-Qorti ser tipprovdi dwar dan il-punt.

L-appellant gie mressaq l-ewwel darba quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-18 t' April, 2016 b'reati li jmorru lura Gunju 2006 jew ix-xhur ta' qabel. Din il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali qabel l-emendi IV. 2014.4 u XXIV. 2014.7 u cioe' id-dispozizzjonijiet marbuta fuq id-Delitti Kontra l-Paci u l-Unur tal-Familji, u kontra l-Morali. Rat ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 688 et seq tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-preskrizzjoni. In oltre, rat ukoll c-cirkustanzi aggravanti u l-akkuzi li bihom gie mressaq l-appellant u tghid illi dawn mhumiex preskritti ghali kollox sehh qabel ma jsita jinghad li l-azzjoni hi prskritta. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tipprovdi dwar l-aggravji tal-appellant.

**Ikkunsidrat**,

Illi l-aggravju principali tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward u b'mod primarju, din il-Qorti qed taghmel referenza wkoll ghal-istqarrijiet tal-imputat datati 3 ta' Gunju 2006,[51] tat-18 ta' Marzu, 2015[52]u dik tas-7 ta' Marzu 2016.[53] Din il-Qorti tissottometti illi fl-ewwel stqarrija ma kienux jezistu l-kawteli necessarji ghall-istqarrijiet u cioe' d-dritt ghal konsultazzjoni ma' Avukat jew Prokuratur Legali tal-fiducja tieghu. Fir-rigward it-tieni u t-tielet stqarrija, l-appellant kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija iżda ma kellux dritt li jkollu Avukat preżenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. In oltre, dak iz-zmien kienet tapplika r-regola tal-inferenza u ghalhekk jekk

[51] Fol. 168 et seq tal-atti processwali.
[52] Fol. 20 et seq tal-atti processswali.
[53] Fol 143 et seq tal-atti processwali.

akkuzat wara li jiehu parir legali, matul l-interrogazzjoni jaghzel li jezercita d-dritt tas-silenzju jew ihalli xi fatti barra, il-Qorti jew il gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il process l-akkuzat iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatti li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni. L-appellant fl-ebda mill-istqarrijiet ma nghata d-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni u dan stante iz-zmien ta’ meta ttiehdu.

Din il-Qorti f’dan ir-rigward tagħmel referenza fis-sħiħ għas-sentenza dettaljata tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Trevor Borg**[54] u ttenni illi hija mhux sejra tqis l-istqarrijiet tal-appellant, kif ukoll kwalunkwe referenza għalihom bħala ammissibli u għalhekk mhux sejra tieħu konjizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi din il-Qorti tghid illi hija tinsab rinfaccata b’verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar. Min-naha wahda l-parti leza, Omissis, qed tishaq illi l-appellant ghandu jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan stante li hija sofriet stupru u abbuz sesswali minnu meta kien ghad kellha biss tmien snin. Min-naha l-ohra l-appellant jirrezisti l-kaz tal-prosekuzzjoni u jishaq li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata li sabitu hati tal-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra tieghu. Din il-Qorti tfakkar illi l-ikbar sfida li jigu rinfaccati biha l-Qrati taghna, specjalment f’kazijiet ta’ dan it-tip, hija li jaslu ghall-verita’ storika u dan stante li x-xhieda jistghu jkunu konsistenti kemm fil-verita’, kif ukoll fil-gideb. In oltre, xhud jista’ jigi emmnut f’dak kollu li jghid jew biss in parte. Illi sabiex Qorti tasal ghall-htija t’akkuzat trid tkun moralment konvinta illi l-prosekuzzjoni ppruvaw il-kaz taghhom minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni. L-akkuzat u/jew f’dan il-kaz l-appellant, mhux mistenni jgib l-ebda prova izda jekk jiddeciedi li jgib il-quddiem xi prova, l-grad li jrid jilhaq skond il-ligi huwa sal-grad tal-probabbli.

[54] Deciza nhar il-31 t’ Ottubru, 2023

Il-Qorti fliet l-atti processwali kollha u taghat rendikont dettaljat tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti *supra*. L-appellant jishaq kontinwament illi l-parti leza Omissis qeghda tigdeb u primarjament qed jibbaza l-verzjoni tieghu fuq il-fatt illi l-verzjoni taghha nbidlet mis-sena 2006 ghal dik ta' 2016. Filwaqt illi fl-2016 hija qalet biss illi l-appellant kien missilha l-parti fuq ta' gisimha u anke sussegwentament qalet hi stess li kienet qalet li gidbet, fl-2016 harget l-istorja kollha meta wara li bdiet tbati minn *pseudo-fits* irrizulta li dawn kienu kollha rizultat ta' trawma. L-appellant irid isostni illi jekk Omissis gidbet darba, kienet kapaci wkoll tigdeb it-tieni darba u ghalhekk hija zgur mhux attendibbli. Madankollu, Omissis tat spjegazzjoni ghal dan u cioe' li hija tkellmet ma xi tfal ohra meta rat li l-appellant mess xaghar habiba taghha u ma riditx li din tghaddi mill-istess u ghalhekk b'li qalet hasbet li kienet ser tehles mill-appellant bhala xufier taghha.

Illi a skans ta' hafna repetizzjoni ta' x'qalu u ma qalux ix-xhieda, din il-Qorti jidrilha illi fil-kaz odjern il-verzjoni tal-parti leza Omissis ghandha mis-sewwa, konsistenti u ghalkemm forsi mhux b'mod preciz, tikkollabora wkoll mal-verzjonijiet li anke taw xhieda ohrajn, fosthom il-genituri taghha u anke Omissis 3 li sahansitra kienet tkun fuq il-van maghha. Ma hemmx bzonn li x-xhieda tkun wahda li tinghata b'mod pappagalesk izda li fis-sustanza x-xhud jibqa' konsistenti Din tal-ahhar anke specifikat fuq certu kunfidenzi li kellu l-appellant u cioe' li kien joqghod jaqbad is-saqajn tat-tfal, att li certament mhux f'postu u lanqas hu accettabli.

Din il-Qorti tifhem illi l-istorja zvolgiet fis-shih snin wara l-akkadut, madankollu din il-Qorti ma thossx li dan il-punt ghandu jnaqqas mill-attendibbilta' t' Omissis. Bl-esperjenza taghha din il-Qorti taf li mhux l-ewwel darba li stejjer bhal dawn idumu snin sabiex johorgu fil-berah. Ghaldaqstant issostni illi ma tarax ghaliex ma ghandiex temmen persuna li ilha ghaddeja minn snin twal ta'trawma u li ppruvat tostor kollox izda ma rnexxiliex u li sahansitra bdew jaghtuha l-accessjonijiet frott ta' dan kollu. Omissis ukoll, tenniet b'mod repetitiv l-esperjenzi taghha b'mod konsistenti ma diversi persuni, fosthom pulizija, esperti mahtura mill-Qorti, professjonisti u anke aktar ricenti ma Probation Officer sabiex jigi mhejji *social inquiry report*. Omissis qalet

u spjegat f'dawn il-proceduri kif l-appellant qabel l-allegat abbuz kien jatiha l-helu u anke xi affarijiet ohra; sussegwentament ipproceda sabiex imissha sakemm kienu jkunu qed jistennew it-tfal jirkbu fil-van u fl-ahhar meta abbuzaha u stupra u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi kien iwassalha l-ahhar. Darba minnhom f'wahda mill-granet fejn kien hadha fl-ghalqa stedinha biex jekk riedet setghet titlaq u ghaliex ma telqietx wahhal fiha li hi riedthom hi dawn l-affarijiet u cioe'l-atti sesswali. L-appellant sahansitra anke kien jgheddidha li jekk tghid xi haga lil xi hadd kien jaghmel xi haga lil ohtha jew lill-familjari taghha. Di piu', din il-Qorti tista' tifhem kemm kienet imbezza minn dan kollu Omissis, tifla ta' tmien snin li ma kienitx tant vicina mal-genituri taghha u l-appellant wara dak kollu li ghamlilha mar sabiex jiehu s-sodisfazzjon m'ommha meta Omissis ma telghetx bil-van. Din tal-ahhar tant bezghet li telghet tigri l-fuq. Ghaldaqstant, in vista ta'dak kollu suespost, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiddibuta mill-veracita' tal-verzjoni t'Omissis li harget wara snin li ppruvat tahbi dan kollu.

L-appellant jilmenta kif ma gewx imressqa sabiex jixhdu t-tfal kollha li kien ikun hemm fuq il-van u anke ghaliex ma giex esebit id-djarju li ssemma mertu ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm kien ikun ahjar kieku telghu jixhdu iktar studenti li kienu jkunu fuq il-van fl-istess vjagg, din il-Qorti tifhem li ghaddew diversi snin u dan forsi ma kienx possibbli li jsir. Min-naha l-ohra, fir-rigward tad-djarju, Omissis spjegat b'mod dettaljat ghaliex ma kienx possibli li dan jigi esebit. Omissis kienet izomm dan id-djarju bhala terapija u kien rakomandat lilha sabiex taharqu u hija eventwalment hekk kienet ghamlet u helset minnu. Din il-Qorti tfakkar illi l-grad ta' prova li trid tressaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fil-kaz odjern, din il-Qorti temmen illi l-prosekuzzjoni ressqet provi sufficenti bizejjed li jilhqu l-grad rikjest mill-ligi.

Del resto l-appellant lanqas jirnexxielu jipprova sal-grad minnu mistenni li kien hemm xi motiv li wassal lil Omissis sabiex tivvinta din l-istorja fuqu. Fil-fhema tieghu kemm Omissis, kemm il-genituri taghha u kif ukoll Omissis 3 kollha qeghdin jigdbu kontrih. Huwa minnu li huwa kontinwament tenna li dawn l-affarijiet ma ghamilhomx

madankollu qatt ma ressaq ebda prova li tista' tindika xi mottiv li abbazi tieghu dawn in-nies kollha allegatament kienu qed jigdbu dwaru. Huwa minnu li itellghu jixhdu wkoll Omissis 5 u Omissis 6 li kienu wkoll ikunu fuq il-van ma Omissis, madankollu rrizulta wkoll li dawn it-tfal kienu fil-fatt jinzlu qabel Omissis fil-vjagg lura d-dar u ghalhekk x'kien jigri wara huma ma kienux jafu. Din il-Qorti thoss li ghandha tghid ukoll illi kif gie ccarat fil-kontro-ezami t' Omissis, it-tfal ma kienux kollha jitilghu fl-istess hin u ghalhekk x'rat wahda mhux necessarjament li rat l-ohra. In oltre, jekk l-appellant kien habib ta' missier Omissis 5 u Omissis 6 u/jew kien jaf li hu pulizija, zgur li kien ser jevita milli jaghmel certu atteggjament fil-prezenza taghhom. L-appellant ukoll seta' facilment kellu atteggament lejn tifla u mhux ohra, pero' dan lanqas ma jfisser li dak li qed jigi allegat ma sarx u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fhema illi d-decizjoni tal-Ewwel qorti kienet *safe u satisfactory* fl-apprezzament taghha tal-provi.

Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-appellant u mmarkat bl-ittra A qed jigi michud fit-totalita' tieghu.

Illi it-tieni aggravju hekk kif imressaq mill-appellant James Grech jirrigwardja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jilmenta li l-piena ta' hdax (11)-il sena prigunerija hija wahda eccessiva u tqerreb lejn il-massimu.

Illi Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[55] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti*

[55] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

*b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

Fir-rigward tal-proporzjonalita' bejn ir-reati kommessi u l-piena erogata, din il-Qorti taghmel referenza gahs-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anna Maria Jimenez**[56] fejn gie ritenut hekk:

> *'Mirko Bagaric, fl-Artikolu tieghu 'Proportionality in Sentencing: its Justification, Meaning and Role'*[57] *jghid illi **'the principle of proportionality requires that the severity of the sanction is equal to the seriousness of the offence**.' Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li ghandha tara jekk il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti nghatetx fil-parametri tal-ligi, ghandha tara wkoll jekk il-piena moghtija hix proporzjonata meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-gravita' o meno tar-reati li l-appellanti/appellata Jimenez tkun instabet hatja ghalihom.*
>
> *Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **R v. Randich**,*[58] *fejn il-Qorti Suprema ta' New Zealand qalet hekk:*
>
> ***'One of the main purposes of punishment ... is to protect the public from the commission of such crimes by making it clear to the offender and to other persons with similar impulses that, if they yield to them, they will meet with severe punishment.'***
>
> *Oltre minn hekk, din il-Qorti taghmel referenza ghal-linji gwida li jigu wtilizzati mil-Qrati Inglizi sabiex jaslu ghas-sentenzi taghhom meta l-*

[56] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar id-9 t' April, 2024.
[57] *Current Issues in Criminal Justice, Vol. 12 No. 2 (2000) 146.*
[58] [1954] NZLR 86, 87.

*akkuzat ikun allegatament wettaq reat ta' natura sesswali. Dawn igibu l-isem ta' Sexual Offences Definitive Guideline u ghal kaz odjern, din il-Qorti tirreferi specifikament ghas-sezzjoni bl-isem 'Offences where the victim is a child'. Taht din is-sezzjoni principali jaqghu diversi sezzjonijiet ohrajn, fosthom Causing or inciting a child to engage in sexual activity; Sexual activity with a child family member u ohrajn.*

*Dawn jinkludu fihom kategoriji li jitkellmu fuq:*

*1. Il-hsara li saret lill-vittma; u*
*2. Il-htija attribwita lill-akkuza*

***Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-dettalji allarmanti li jsawwru l-kaz odjern fil-kuntest tal-linji gwida indikati supra, bla dubju ta' xejn illi sentenza ghal kaz bhal dan ghandha tkun wahda karcerarja**. Din il-Qorti tfakkar illi r-reati li taghhom qed tinsab hatja l-apellanti/appellata Jimenez huma ta' natura serja hafna u **multo magis huma iktar koroh ghaliex kienu kommessi minn adulta fuq minuri li suppost kienet qed tiehu hsieb**.'*

**Din il-Qorti tistmerr u tikundanna bi kbir dawn it-tip ta' reati li f'dan il-kaz specifiku hallew vittma ssofri ghal snin twal sakemm gisimha ma felahx iktar**[59]. L-appellant bhala adult, li dak iz-zmien kellu suppost jiehu hsieb lil minuri meta kienet tkun taht is-supervizjoni tieghu, minflok ha vantagg mill-fiducja taghha, abbuzaha sesswalment u stupra. Id-dettalji li jsawwru l-kaz huma xokkanti tant li sahansitra anke jirrizulta li kien hemm vjolenza ezercitata fuq Omissis. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tkun klementi mal-appellant li wettaq dawn ir-reati makabri. Ghalhekk it-tieni aggravju mressaq mill-appellant u mmarkat bl-ittra B ukoll qed jigi respint.

[59] Enfasi ta din l Onorabbli Qorti

Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tiddeciedi billi tichad iz-zewg aggravji mmarkati bl-ittri A u B mressqa mill-appellant James Grech fir-rikors tal-appell tieghu fit-totalita' taghhom, u ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**